# QORTI KOSTITUZZJONALI

**IMĦALLFIN**

**S.T.O. PRIM IMĦALLEF MARK CHETCUTI**
**ONOR. IMĦALLEF GIANNINO CARUANA DEMAJO**
**ONOR. IMĦALLEF ANTHONY ELLUL**

**Seduta ta' nhar it-Tnejn, 27 ta' Ottubru, 2021.**

**Numru 9**

**Rikors numru 75/18/1 FDP**

**Nicola Micallef**

**v.**

**Avukat Ġenerali**

**Il-Qorti:**

1. Rat illi ġie ppreżentat quddiemha appell ad istanza tar-rikorrent minn sentenza mogħtija mill-Prim' Awla tal-Qorti Ċivili (Sede Kostituzzjonali) fit-23 ta' Marzu, 2021, dwar l-allegat ksur prospettiv tad-drittijiet fondamentali tiegħu, a tenur tal-Artikolu 49 subartikolu (3) tal-Karta tad-Drittijiet Fondamentali tal-Bniedem (*Charter of Fundamental Rights*) u tal-Artikolu 3 u 35(3) tal-Konvenzjoni Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem, kemm-il darba l-Qorti tal-Appell Kriminali tilqa' l-appell tal-

Avukat Ġenerali fil-Kawża Kriminali kontrih u b'hekk iżżidlu l-piena kif hemm mitlub.

2. Dawn il-proċeduri nbdew permezz ta' rikors preżentat fil-Qorti Ċivili, Prim'Awla fit-18 ta' Lulju, 2018, permezz ta' liema saru l-premessi u t-talbiet segwenti:

*'1. Illi permezz ta' sentenza datata disgħa u għoxrin (29) ta' Ottubru elfejn u ħmistax (2015), il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali fl-ismijiet : Il-Pulizija (Spettur Yvonne Farrugia) vs Micallef Nicola (ID 0597839M) sabet lir-rikorrenti ħati, u dan wara li rat l-artikoli 60(a)(b)(c)(k), 62(a)(b)(c)(d)(f)(g)(h)(i)(k), 68(1), paragrafu (a) proviso Artikolu 62 tal-Kapitolu 37 tal-Liġijiet ta' Malta, l-Artikolu 16(1) u 17(a), Regolament 13, Taqsima b, Regolament 7, Taqsima C, Sitt Skeda tal- Kapitolu 382 tal-Liġijiet ta' Malta u l-Artikolu 80 tal-Kapitolu 406 tal-Liġijiet ta' Malta u kkundannatu għall-multa kumplessiva elf u ħames mitt (€1,500) ewro u sentejn priġunerija sospiżi għall-erbgħa snin ai termini tal-Artikolu 28A tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta kif ukoll konfiska tal-vettura numru tar-reġistrazzjoni BAD 081;*

*2. Illi permezz ta' rikors tal-appell (App.num 514/2015ANM) preżentat mill-Avukat Ġenerali fis-17 ta' Novembru 2015 dan ssottometta li tali sentenza għandha tiġi revokata billi l-piena nflitta mill-ewwel Qorti ma kinetx fix-xorta jew kwantita tagħha dik kontemplata fil-liġi għar-reat li fuqu l-esponenti ġie kkundannat u dan jekk hekk milqugħ l-appell jitlob tiġi nflitta piena qawwija u sproporzjonata.*

*3. Illi l-esponenti mingħajr ma kien edott mill-fatt li ġie mressaq l-appell hawn imsemmi ħallas l-multa ta' elf u ħames mitt ewro (€1,500) fl-20 ta' Jannar 2016.*

*4. Illi minn dan l-appell l-esponenti qiegħed iħossu aggravat u dan għax l-artikoli nvokati mill-imsemmi intimat jmorru kontra d-drittijiet fundamentali tiegħu u dan kif sanċiti u protetti fil-Karta tad-Drittijiet Fundamentali (Charter of Fundamental Rigħts) preċiżament l-artikolu jgħid li "is-severità tal-piena m'għandhiex tkun sproporzjonata għar-reat".*

*5. Illi l-każ qam f'dawn iċ-ċirkostanzi li fl-24 ta' Ottubru 2008, il-Pulizija investigaw rapport dwar persuna anzjana li kienet qed tqassam is-sigaretti u l-alcohol li fuqhom id-dazju ma kienx imħallas, l-istess anzjan kien jagħmel użu mill-vettura bin-numru ta' reġistrazzjoni BAD 081 li kienet tgħajjat lilu u l-Pulizija waqfet il-vettura u nstabu ħames kartuniet*

*tas-sigaretti mingħajr dazju imħallas u wara, waqt it-tfittxija fir-residenza ta' l-esponenti instabu oġġetti ta' kuntrabandu konsistenti f'sigaretti u xorb u wara li saru l-investigazzjonijiet opportuni, l-esponenti tressaq quddiem l-Ewwel Onorabbli Qorti sabiex iwieġeb għall-akkużi prodotti.*

*6. Illi mill-oġġetti hekk konfiskati ai termini tal-liġi nostrali u in linea ma' dik Ewropeja dawn kellhom l-valur ammontanti ta' sitt mija u tnejn u erbgħin ewro u ħamsa u sittin ċenteżmu (€642.65) u magħhom intalab l-ħlas tad-dazju tas-Sisa fl-ammont ta' elf, seba' mija u tmienja u disgħin ewro u tlieta u tmenin ċenteżmu (€1,798.83), kif ukoll dazju ta' l-importazzjoni fl-ammont ta' mitejn u tnejn u sebgħin ewro u tnejn u disgħin ċenteżmu (€272.92) kif ukoll taxxa fuq il-Valur Miżjud fl-ammont ta' erba' mija u tmienja u tmenin ewro u disa u ħamsin ċenteżmu (€488.59) komplessivament tlett elef, mitejn u żewġ ewros u disgħa u disgħin ċenteżmu (€3,202.99c).*

*7. Illi l-esponenti kien akkużat ukoll talli fid-9 ta' Ottubru 2008 iddispona minn dawn u ntalab l-ħlas segwenti fil-valur totali ta' seba' mija u ħamsa u sittin ċenteżmu (€700.65), id-dazju tas-Sisa dovut ta' elfejn u ħmistax-il-ewro u tnejn u sittin ċenteżmu (€2,015.62) fir-rigward ta' sigaretti u tabakk, u dazju ta' importazzjoni ta' tlett mija u sitt ewro u tlieta u tletin ċenteżmu (€306.33) u t-taxxa fuq il-Valur Miżjud (V.A.T) jammontaw għal ħames mija u erbgħa u erbgħin ewro u seba' ċenteżmi (€544.07.) komplessivament is-somma ta' tlett elef, ħames mija u sitta u sittin ewro u sebgħa u sittin ċenteżmu (€3,566.67c).*

*8. Illi ai termini tal-akkuża dawn huma l-artikoli relevanti li bihom fil-qosor l-esponenti qiegħed jiġi akkużat u ċioe' Kapitlu 37 Ordinanza tad-Dwana, Artikoli 60(a)(b)(c)(k), 62(a)(b)(c)(f)(g)(h)(i)(k), 68(1) u kif ukoll ai termini tal-paragrafu (a) proviso Artiklu 62 tal- Kap 37 Artikolu 16(1) u 17(a), Regolamenti 13 taqsima b, Regolment 7, Taqsima C, Kapitolu 382 Sitt Skeda, Regolamenti dwar Oġġetti Dazjabbli u Kapitolu 406 - Att dwar Taxxa fuq il-Valur Miżjud, Artikolu 80.*

*9. Liema artikolu 80 jiddikjara s-segwenti (1) id-disposizzjonijiet tal-artikoli 18, 60 u 62 tal-Ordinanza tad-Dwana għandhom japplikaw għal dan l-Att bħallikieku kull riferenza għal dazji li tinsab f'dawk l-artikoli li kienet riferenza għal taxxa dovuta taħt dan l-Att, u kull persuna li tikser id-disposizzjonijiet ta' dawk l-artikoli li jiftiehmu kif imsemmi qabel dwar xi oġġetti li l-importazzjoni tagħhom hi suġġetta għal taxxa taħt dan l-Att tkun ħatja, mingħajr preġudizzju għal kull responsabbiltà li jkollha taħt l-Ordinanza msemmija, ta' reat taħt dan l-Att u tista' għal kull reat bħal dak, teħel multa li tkun ekwivalenti għal tlett darbiet it-taxxa li jkollha titħallas jew multa ta' tliet mija u ħamsin euro (€350), skont liema tkun l-akbar, b'dan illi terz minn dak l-ammont għandu jitqies bħala dejn ċivili dovut lill-Kummissarju, jew priġunerija għal żmien ta' mhux iżjed minn sentejn, jew għal dawk il-multi u priġunerija flimkien, u min jagħmel ir-reat jista' jew jinżamm jew jittieħdu proċedimenti kontrih b'taħrika, bl-istess mod u għamla, u skont id-disposizzjonijiet l-oħra kollha stabbiliti fil-kodiċi kriminali u li (2) id-disposizzjonijiet tal-artikolu*

*77 tal-Ordinanza tad-Dwana għandhom japplikaw dwar dawk l-oġġetti li l-importazzjoni tagħhom tkun suġġetta għat-taxxa taħt dan l-Att bħal li kieku kull riferenza li tinsab f'dik l-ordinanza għad-dazju msemmi f'dik l-ordinanza kienet ukoll riferenza għat-taxxa li għandha titħallas taħt dan l-Att u li (3) l-importazzjoni ta' oġġetti suġġetti għat-taxxa taħt dan l-Att għandha titqies, għall-finijiet kollha ta' kull liġi, bħala importazzjoni projbita kemm-il darba ma titħallasx it-taxxa imsemmija jew, meta il-ħlas tat-taxxa jkun ġie pospost skont xi disposizzjoni ta' dan l-Att, il-kundizzjonijiet imposti dwar dak il-posponiment ma jkunux tħarsu kif imiss.*

*10. Illi tali disposizzjonijiet legali huma parti sħiħa mill-liġi ewropeja li aħna parti minnha u konsegwentment dawn id-disposizzjonijiet sija bħala ħaġa sħiħa kif ukoll bħala parti tat-trasposizzjonijiet li saru u jsiru minn żmien għall-żmien permezz ta' direttivi jew regolamenti.*

*11. Illi proprju fuq dan fl-Artikolu 49(3) (Charter of Fundamental Rights), kif diġa' aċċennat, hemm indikat l-hekk msejjaħ Prinċipju tal-Proporzjonalita' tal-piena li ma huwiex jiġi debitament osservat u dan stante li l-pieni stabbiliti huma esaġerati u l-fuq minn dak li artikoli ta' natura penali jiddisponu.*

*12. Illi dan huwa iktar u iktar evidenti mill-fatt li fir-rikors tal-appell hawn fuq indikat u intavolat mill-Avukat Ġenerali ġie rilevat u sottomess li għandu jkun hemm r-revoka tas-sentenza mogħtija in prim istanza u jiġu applikati l-pieni li l-Liġi tipprevedi penalitajiet ħafna aktar iebsa u sproporzjonati minn dak li ġie effettivament kundannat r-rikorrenti fil-każ in kwistjoni. Di fatti huwa qiegħed jitlob li jkun hemm nflitt multa ekwivalenti għal tliet (3) darbiet l-ammont ta' dazju li għandu jitħallas fuq l-oġġetti jew ħames mija u tnejn u tmenin ewro u erbgħa u tletin ċenteżmu (€582.34), skond liema hija l-akbar hekk li terz min dan l-ammont għandu jitqies bħala dejn ċivili addebitat u li jitħallas lid-Dipartiment tad-Dwana jew għal dik il-multa flimkien ma' priġunerija għal żmien ta' mhux iżjed minn sentejn: u l-ħati jista' jiġi arrestat jew miġjub quddiem il-Qorti b'ċitazzjoni bil-mod u fil-forma kif jingħad mill-Kodiċi Kriminali.*

*13. Illi minn dan jsegwi li jekk tiġi milqugħa t-talba tal-imsemmi intimat allura l-piena inflitta tkun skont l-Artikolu 62 ta' Kapitolu 37 tal-Liġijiet ta' Malta , u ċioe' li peress li d-dazju tal-importazzjoni ammonta għal tlett mija u sitt ewro u tlieta u tletin ċenteżmu (€306.33) meta dan jiġi triplikat ikun jammonta għal disa' mija u tmintax-il ewro u disgħa u disgħin ċenteżmu (€918.99) u d-dazju tas-Sisa li jammonta għal elfejn u ħmistax-il ewro u tnejn u sittin ċenteżmu (€2,015.62) u allura meta dan huwa triplikat (x3) b'kollox dan jammonta għal sitt elef u sitta u erbgħin Ewro u sitta u tmenin ċenteżmu (€6,046.86). Illi dan ifisser li l-ammont globali li jista' jiġi immultat jkun ta' sitt elef, disgħa mija u ħamsa u sittin ewro u ħamsa u tmenin ċenteżmu (€6,965.85) u dan fl-umli fehma ta' l-esponenti huwa ammont li ma huwiex bilanċjat mar-reat li ġie kommess.*

*14. Illi għalhekk l-esponenti umilment jissottometti li fuq livell ġuridiku, il-piena ma tistax tkun sproporzjonata meta jittieħed in konjizzjoni r-reat u kull każ huwa uniku, u jrid jiġi eżaminat fil-parametri tiegħu b'hekk l-imposizzjoni ta' sanzjoni kriminali hija bżonn jekk din tilħaq l-iskop tal-piena nflitta. Fil-kwistjoni tal-piena, l-iktar żewġ prinċipji importanti u ta' rilevanza huma l-proporzjonalita' u r-rispett għad-drittijiet fundamentali li hawn qed jiġu vjolati.*

*15. Illi konsegwentement billi fil-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Bniedem il-persuna umana huwa fil-qalba ta' l-attivitajiet tagħha, biex permezz taf tistabbilixxi ċ-ċittadinanza ta' l-Unjoni u billi toħloq spazju ta' libertà, sigurtà u ġustizzja Illi da parti tal-esponenti huwa jħoss li l-piena nflitta trid tkun proporzjonata mar-reat kommess. Illi dan jimxi parallel ma' dak li ntqal fil-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Bniedem kif imsemmi preċedentament skond Artikolu 49 (3).*

*Għaldaqstant l-esponenti salv kwalunkwe provvediment li din l-Onorabbli Qorti tħoss xierqa u opportuna f'dan l-istadju umilment jitlob li din l-Onorabbli Qorti jogħġobha:*

*1. L-ewwel tiddikjara artikoli 60(a)(b)(c)(k), 62(a)(b)(c)(d)(f)(g)(h)(i)(k), 68(1), paragrafu (a) proviso Artikolu 62 tal-Kapitolu 37 tal-Liġijiet ta' Malta, l-Artikolu 160) u 17(a), Regolament 13, Taqsima b, Regolament 7, Taqsima C, Sitt Skeda tal-Kapitolu 382 tal-Liġijiet ta' Malta u l-Artikolu 80 tal-Kapitolu 406 tal-Liġijiet ta Malta huma anti-kostituzzjonali billi jmorru kontra id-drittijiet fundamenti mħaddna fis-sub-artikolu tlieta (3) tal-artikolu disgħa u erbgħin (49) tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Bniedem (Charter of Fundamental Rights) u ċioe' li f'dawn l-artikoli msemmija s-severita' tal-piena ma hiex proporzjonata mar-reat kommess.*

*2. It-tieni li tagħti lir-rikorrenti dawk r-rimedji l-oħra kollha li jidhrilha li huma xierqa u opportuni fiċ-ċirkostanzi.*

*Bl-ispejjeż kontra l-intimati.'*

3. L-Avukat Ġenerali wieġeb[1] illi:

*'(1) Illi r-Rikors Promotur hu imsejjes fuq allegazzjonijiet li l-Artikoli 60(a)(b)(c)(k), 62(a)(b)(c)(d)(f)(g)(h)(i)(k), 68(1), 69(1)(2), paragrafu (a) tal-proviso tal-Artikolu 62 tal-Kap 37, l-Artikoli 16(1) u 17(a), Regolament 13, Taqsima b, Regolament 7, Taqsima C, Sitt Skeda tal-Kap 382 u l-Artikolu 80 tal-Kap 406 huma anti-kostituzzjonali u dan ai termini tal-Artikolu 49(3) tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-*

[1] Fol. 33 *et seq*.

*Bniedem u ċioe' fis-severita tal-piena li allegatament mhix proporzjonata mar-reat kommess;*

*(2) Illi l-esponent jixtieq jiċċara li l-fatti tal-każ kif svolġew huma s-segwenti:*

*(i) Illi fid-9 ta' Ottubru, 2008 l-uffiċjali tad-Dwana flimkien ma' l-uffiċjali tal-Pulizija għamlu spezzjoni fil-fond 8th September Boutique li jinsab fl-indirizz, 44, Triq is-Sur, Senglea fejn ġew skoperti ammont sostanzjali ta' sigaretti sdazjati li kienu fil-pussess ta' sid il-ħanut Francis Scerri, u l-uffiċjali konċernati ġew informati li l-istess sigaretti sdazjati kienu nxtraw mingħand ir-rikorrent Micallef fil-ġranet preċedenti għall-ispezzjoni relattiva; u minħabba din is-sejba, l-esponent Direttur Ġenerali qabad l-imsemmija oġġetti in kwistjoni;*

*(ii) Illi sussegwentement fl-24 t'Ottubru, 2008, l-uffiċjali tal-Pulizija skoprew ammont ta' sigaretti u xorb alkoħoliku sdazjat ġol-vettura tar-rikorrent tat-tip Ford Escort li għandha n-numru ta' reġistrazzjoni BAD 081 meta l-imsemmi Micallef ġie imwaqqaf mill-imsemmija uffiċjali f'Senglea u minħabba dan l-inċident, l-uffiċjali tad-Dwana u tal-Pulizija ipproċedew sabiex jagħmlu tfittxija fir-residenza tar-rikorrent Micallef u ċioe' f'Marjola, Triq il-Kanun, Qormi, fejn ġew skoperti ammont sostanzjali ta' sigaretti u alkoħol sdazjat ulterjuri u minħabba din is-sejba, l-esponent Direttur Ġenerali qabad l-imsemmija oġġetti u l-vettura in kwistjoni;*

*(iii) Illi l-imsemmija vettura bin-numru ta' reġistrazzjoni BAD 081 li inqabdet permezz tan-Nota ta' Qbid numru 66/2009 ġiet kontestata fil-proċeduri ċivili u illum tinsab konfiskata favur il-Gvern permezz tad-deċiżjoni tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) (Ref. 259/2009) deċiża fid-9 ta' Lulju, 2012 li hija res judicata;*

*(iv) Illi r-rikorrent Micallef ma kkontestax permezz ta' proċeduri ċivili is-sigaretti u l-alkoħol sdazjat li ġew maqbuda permezz tan-Nota ta' Qbid li għandha in-numru ta' referenza 65/2009;*

*(v) Illi l-proċeduri kriminali li ttieħdu fil-konfront tar-rikorrent Micallef huma bbażati fuq akkużi ta' ksur tal-provvedimenti tal-Kap 37, 382 u 406 minħabba l-ammont ta' sigaretti u alkohol sdazjat li instab fil-pussess tar-rikorrent Micallef u/jew li iddispona minnhom ir-rikorrent Micallef, u dan a skapitu tal-pubbliku u negozjanti li josservaw il-liġi doganali. Illi l-imsemmija proċeduri jinsabu pendenti quddiem il-Qorti tal-Appell Kriminali għal-1 ta' Novembru, 2018 għad-deċiżjoni finali minn Appell li ġie ntavolat mill-Avukat Ġenerali fis-17 ta' Novembru, 2015;*

*(3) Illi fl-ewwel lok u mingħajr preġudizzju, l-esponent jissottometti li r-rikorrent ma eżawrixxiex ir-rimedji ordinarji disponibbli għalih skont il-liġi stante li lanqas intavola appell fil-konfront tad-deċiżjoni tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) deċiża fid-9 ta' Lulju, 2012 fil-proċeduri ċivili (Ref.*

*259/2009) fejn ikkontesta l-qbid tal-vettura tiegħu bin-numru ta' reġistrazzjoni BAD 081 u l-Qorti konċernata għaddiet biex tikkonfiska l-vettura in kwistjoni. Jirriżulta wkoll li r-rikorrent lanqas ma ntavola appell mid-deċiżjoni tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġurisdizzjoni Kriminali fl-ismijiet Il-Pulizija (Spettur Yvonne Farrugia) vs Nicola Micallef deċiża fid-29 ta' Ottubru, 2015 fejn l-Qorti konċernata sabitu ħati tal-akkużi li ttieħdu fil-konfront tiegħu; liema proċeduri kriminali del resto huma pendenti fl-istadju tal-Appell a bażi ta' Rikors ta' Appell intavolat mill-Avukat Ġenerali u preżentement jinsabu differiti għad-deċiżjoni għall-1 ta' Novembru, 2018;*

*(4) Illi fit-tieni lok u mingħajr preġudizzju, fir-rigward tal-mertu, l-esponent jirribatti li l-allegazzjonijiet kif avvanzati fir-Rikors Promotur huma nfondati fil-fatt u fid-dritt stante li ċ-ċirkostanzi odjerni ċertament jaqgħu fl-ambitu tal-obbliġi u d-drittijiet tal-Istat li jwettaq dawk il-Liġijiet li jidhrulu xierqa sabiex jiżgura l-ħlas ta' dazji u taxxi peress li l-fatti tal-każ odjern jiskattaw minn azzjonijiet tar-rikorrent li huma unikament imputabbli għall-aġir illeċitu tiegħu u dan għar-raġunijiet segwenti li qed jiġu elenkati mingħajr preġudizzju għas-suespost:*

*(4.1) Illi 1-esponent jirrileva li bid-dovut rispett, ir-Rikors Promotur jidher li huwa unikament invit lil din l-Onorabbli Qorti sabiex tintrometti ruħha indebitament fil-proċeduri kriminali stante li fl-umli sottomissjoni tal-esponent huwa manifest li fiċ-ċirkostanzi odjerni ma jissussisti ebda ksur tad-drittijiet fondamentali tar-rikorrent, kif allegat. Altrimenti, fil-prattika dan ikun ifisser li min jiġi akkużat, ikollu s-setgħa li jwaqqaf l-andament ta' proċeduri oħra li saru skont il-liġi billi jintavola Rikors Kostituzzjonali. Illi għalhekk l-esponent jissottometti li ċ-ċirkostanzi kollha ta' dan il-każ ma jippreżentaw l-ebda element ta' sproporzjonalita u dan stante li l-esponent jirribadixxi li l-piena kontemplata mill-leġislatur fir-rigward ta' ksur tal-provvedimenti tal-Liġijiet doganali li jirrigwardjaw oġġetti soġġetti għad-dazju tas-SISA per se, m'għandhiex titqies awtomatikament bħala miżura sproporzjonata fil-konfront tar-rikorrent li inqabad in flagrante jikser il-Liġijiet doganali ripetutament addirittura f'iktar minn post wieħed;*

*(4.2) Illi fil-każ odjern huwa fl-umli sottomissjoni tal-esponent manifest li fiċ-ċirkostanzi odjerni, il-piena kontemplata fil-liġi għal minn jinqabad jagħmel kuntrabandu ta' oġġetti soġġetti għad-dazju tas-SISA, ma tistax titqies bħala miżura sproporzjonata, partikolarment meta wieħed iqis l-gravita tat-telf sostanzjali tal-erarju pubbliku li hu abbinat mal-konsum ta' prodotti soġġetti għad-dazju tas-SISA, kif ukoll l-islealta kummerċjali u soċjali lejn negozjanti li josservaw dawn il-Liġijiet doganali. Effettivament, ir-rikorrent inqabad in flagrante fil-pussess ta' sigaretti u alkohol sdazjat fil-vettura tiegħu li ġġib in-numru ta' reġistrazzjoni BAD 081 u fir-residenza tiegħu, liema oġġetti sdazjati kienu qegħdin jinġarru u jinbiegħu ftit ftit lil terzi persuni;*

*(4.3) Illi l-esponent jirrileva li l-pretensjonijiet tar-rikorrent Micallef kif dedotti fir-Rikors Promotur li allegatament il-piena kontemplata mill-*

*leġislatur f'każ ta' ksur tal-Liġijiet doganali, bħal fil-każ odjern, hija sproporzjonata, bid-dovut rispett, hija bażata ukoll fuq interpretazzjoni u applikazzjoni żbaljata tal-kunċett tal-qafas tad-drittijiet fundamentali tal-bniedem. Illi f'dan ir-rigward, għandu jingħad li l-pieni kif stipulati fil-liġi doganali huma intiżi sabiex iservu ta' deterrent għall-kuntrabandist sabiex jarrikixxi ruħu a skapitu tal-Istat, peress li jekk ladarba persuna li tinqabad tagħmel il-kuntrabandu, jiġi konfiskat lilha unikament l-oġġett sdazjat, il-piena inflitta ċertament ma tkun qed iservi ta' ebda deterrent effettiv. Filwaqt li huwa importanti li d-drittijiet tar-rikorrent Micallef qua akkużat jiġu salvagwardjati, pero' hemm konsiderazzjonijiet oħra li għandhom jittieħdu in konsiderazzjoni u dawn huma l-interessi tas-soċjeta' u tar-retta amministrazzjoni tal-ġustizzja. Għalhekk fl-umli fehma tal-esponent, it-talbiet tar-rikorrent mhumiex ġustifikati;*

*(4.4) Illi effettivament jirriżulta ċar li fil-konfront tar-rikorrent ma kien hemm l-ebda proċedura mhix ġustifikata kemm fil-proċeduri ċivili kif ukoll fir-rigward tal-proċeduri kriminali li jinsabu differiti għad-deċiżjoni finali għall-1 ta' Novembru, 2018. Effettivament, jidher mill-istess proċeduri li l-Qrati konċernati żvolġew il-kompitu rispettiv tagħhom in ottemperanza mal-liġi. Inoltre, l-esponent jirrileva li r-rikorrent ma ntavola l-ebda appell mid-deċiżjonijiet relattivi jekk ma kienx jaqbel mad-deċiżjonijiet tal-Qrati rispettivi u wisq inqas ma ġab l-ebda prova konkreta fl-istadju opportun sabiex b'xi mod jikkontradixxi l-provi tal-Prosekuzzjoni u tad-Direttur Ġenerali (Dwana);*

*(4.5) Illi l-esponent jissottometti li t-talbiet tar-rikorrent mhumiex sostenibbli ukoll stante li, il-pieni kontemplati fil-liġi doganali jiġu inflitti f'każ li persuna tinstab ħatja tal-akkużi ta' ksur tal-Liġijiet doganali u ta' dan ċertament ir-responsabbilita ma tistax tiġi attribwita lill-intimat. Għandu jingħad li, t-tgawdija tad-drittijiet fundamentali tal-bniedem tippreżumi l-obbligu li persuna tosserva l-Liġijiet billi taġixxi fl-ambitu tal-Liġijiet konċernati u mhux addirittura tikser il-liġi b'mod flagranti u ripetutament. Għaldaqstant, ladarba l-piena kontemplata fil-liġi tiġi inflitta f'każ li l-ħtija tar-rikorrent Micallef tiġi konfermata u dan bħala konsegwenza tan-nuqqasijiet tar-rikorrenti stess, għandu jsegwi li l-piena inflitta fuq ir-rikorrent hija waħda ġustifikata u li għandha għan leġittimu. Illi għalhekk, fiċ-ċirkostanzi odjerni l-Istat jottjeni bilanċ xieraq u ekwu bejn l-għan li l-liġi qed tipproteġi u d-drittijiet tas-soċjeta in ġenerali. Għalhekk, ċertament ma jistax jingħad li tali pieni kif kontemplati fil-liġi mhumiex essenzjali u/jew sproporzjonati u/jew mhux ġustifikati f'soċjeta demokratika;*

*(4.6) Illi għalhekk għar-raġunijiet fuq premessi, l-esponent jirrileva li l-ebda rimedju m'hu dovut lir-rikorrent u dan tenut kont tal-fatt li ċ-ċirkostanzi odjerni ma jistgħux jiġu attribwiti għal xi nuqqas da parte tal-esponent u/jew tal-Istat; pero dato ma non concesso, li din l-Onorabbli Qorti jidrilha li fiċ-ċirkostanzi odjerni hemm xi ksur tad-drittijiet fundamentali tar-rikorrenti, fl-umli fehma tal-esponent dikjarazzjoni ta' ksur għandha tkun suffiċjenti;*

*(5) Salv eċċezzjonijiet ulterjuri, jekk ikun il-każ;*

*Għaldaqstant u għar-raġunijiet fuq premessi, il-pretenzjonijiet u t-talbiet tar-rikorrent kif dedotti fir-Rikors Promotur huma infondati fil-fatt u fid-dritt stante li l-Artikoli 60(a)(b)(c)(k), 62(a)(b)(c)(d)(f)(g)(h)(i)(k), 68(1), 69(1)(2), paragrafu (a) tal-proviso tal-Artikolu 62 tal-Kap 37, l-Artikoli 16(1) u 17(a), Regolament 13, Taqsima b, Regolament 7, Taqsima C, Sitt Skeda tal-Kap 382 u l-Artikolu 80 tal-Kap 406 m'humiex anti-kostituzzjonali fir-rigward tas-severita' tal-piena ai termini tal-Artikolu 49(3) tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Bniedem u għalhekk fiċ-ċirkostanzi odjerni l-ebda rimedju m'hu dovut;*

*Bl-ispejjeż fil-konfront tar-rikorrent.'*

4. Fl-udjenza tal-11 ta' Ottubru, 2019,[2] l-avukat difensur tal-Avukat Ġenerali rrileva li ladarba qed issir referenza għall-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Bniedem tal-Unjoni Ewropea li daħlet fis-seħħ f'Diċembru 2009 bit-Trattat ta' Lisbona, skont l-Artikolu 51 tal-istess Karta r-rikorrent irid jindika liema Liġi Ewropea hija milquta fil-każ odjern.

5. Permezz ta' rikors preżentat fis-17 ta' Jannar, 2020,[3] filwaqt li r-rikorrent sostna li l-Kapitoli 382 u 406 tal-Liġijiet ta' Malta huma llum liġijiet '*ewropej f' kull sens*', talab li:

*'prevja kull provvediment li tħoss opportun li mat-talbiet tal-esponenti tiżdied fir-rikors kostituzzjonali tiegħu li d-drittijiet tiegħu ġew leżi u vjolati taħt l-Konvenzjoni Ewropea senjatament l-artikoli tlieta (3) u sub-artikolu tlieta (3) tal-Artikolu ħamsa u tletin (35) tal-istess.'*

6. Minkejja l-oġġezzjoni tal-Avukat Ġenerali,[4] l-ewwel Qorti "laqgħet it-talba u tat żmien lill-Avukat Ġenerali sabiex iwieġeb".[5]

---

[2] Fol. 45 - 46.
[3] Fol. 51 – 52.
[4] Fol. 66.
[5] Fol. 69.

7. Permezz ta' tweġiba ppreżentata fis-27 ta' Frar, 2020, l-Avukat Ġenerali rrisponda illi:

*'1. Illi l-ilment tar-rikorrent taħt l-artikolu 49(3) tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea ma jistax jintlaqa' għaliex dan ma ġiex marbut mal-implimentazzjoni ta' xi liġi tal-Unjoni Ewropea skont l-artikolu 51 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea. F' kull każ, il-piena li jista' jeħel ir-rikorrent jekk kemm-il darba l-Qorti tal-Appell Kriminali tilqa' l-appell tal-Avukat Ġenerali, ma tistax titqies li hija eċċessiva jew sproporzjonata;*

*2. Illi hekk ukoll ma jistax jintlaqa' l-ilment taħt l-artikolu 35(3) tat-Trattat tal-Konvenzjoni Ewropea dwar id-Drittijiet tal-Bniedem. Dan għaliex dan l-artikolu japplika biss għall-organi ġudizzjarji tal-Kunsill tal-Ewropa u mhux għall-Qrati Maltin. Kemm hu hekk, dan l-artikolu tat-Trattat ma jifformax parti mil-liġi Maltija għaliex m' huwiex imdaħħal fit-tifsira ta' 'Drittijiet tal-Bniedem u Libertajiet Fundamentali', kif misjuba fl-artikolu 2 tal-Kap 319 tal-Liġijiet ta' Malta u lanqas ma ġie traspost fil-liġi domestika skont l-artikolu 3(3) tal-Kap 304 tal-Liġijiet ta' Malta;*

*3. Illi barra minn hekk, l-esponent ma jarax kif l-artikolu 35(3) tat-Trattat, li jitkellem dwar l-ammissibilità ta' applikazzjoni quddiem il-Qorti Ewropea Għad-Drittijiet tal-Bniedem, jidħol f' din il-kawża;*

*4. Illi fl-aħħarnett, ir-rikorrent lanqas m'għandu raġun jilmenta minn ksur tal-artikolu 3 tal-Konvenzjoni Ewropea;*

*Tajjeb li jingħad li r-rikorrent instab ħati talli: (i) żamm għandu fil-vettura Ford Escort għadd ta' sigaretti, tabakk u xorb bil-kontrabandu mingħajr ma ħallas il-valur sħiħ ta' €2866.02 magħmul minn dazju sisa, dazju ta' importazzjoni u taxxa fuq il-valur miżjud; (ii) talli biegħ sigaretti bil-kontrabandu bla ma ħallas il-valur sħiħ ta' €305.68 magħmul minn dazju tas-sisa, dazju ta' importazzjoni u taxxa fuq il-valur miżjud; (iii) żamm għandu fid-dar tiegħu għadd ta' sigaretti, tabakk u xorb bil-kontrabandu mingħajr ma ħallas il-valur sħiħ ta' €2560.34 magħmul minn dazju tas-sisa, dazju ta' importazzjoni u taxxa fuq il-valur miżjud; u (iv) talli biegħ sigaretti bil-kontrabandu bla ma ħallas il-valur sħiħ ta' €305.68 magħmul minn dazju tas-sisa, dazju ta' importazzjoni u taxxa fuq il-valur miżjud;*

*Tassew piena minħabba l-kontrabandu ta' sigaretti, tabakk u xorb, li fil-każ tar-rikorrenti tista' tinkludi: (i) ħlas ta' multa ta' €6,965.85 (li minnha r-rikorrent ġa ħallas €1,500); (ii) sentejn priġunerija sospiżi għal erba' snin; (iii) il-konfiska tas-sigaretti, tabakk u x-xorb li r-rikorrenti ma ħallasx dazju fuqhom; u (iv) il-konfiska tal-vettra li biha kien qed iġorr u*

> *jbiegħ dawn l-oġġetti, bl-ebda mod remot ma tista' tinġabar taħt il-kappa ta' piena inumana jew degradanti;*
>
> *Anke dan l-ilment għalhekk mhuwiex mistħoqq;*
>
> *Għaldaqstant għar-raġunijiet fuq imfissra t-talbiet addizzjonali mressqa mir-rikorrenti għandhom jiġu miċħuda bl-ispejjeż kontra tiegħu.'*

8. Permezz ta' sentenza mogħtija fit-23 ta' Marzu, 2021, il-Prim' Awla tal-Qorti Ċivili ddeċidiet il-kawża billi:

> *'Tilqa' l-eċċezzjonijiet kollha ta' l-intimat, u għalhekk;*
>
> *Tiċħad it-talbiet kollha tar-rikorrent kif kontenuti fir-rikors promotur u sussegwentement emendati kif fuq spjegat u tiddikjarahom bħala lkoll frivoli u vessatorji;*
>
> *Spejjeż kollha jkunu a kariku tar-rikorrenti.'*

9. Ir-rikorrent appella mis-sentenza tal-Qorti tal-ewwel grad u sostna li l-istess għandha tiġi mħassra, filwaqt li t-talbiet tiegħu jiġu akkolti, għaliex: fil-Kap. 37, 382 u 406 hemm tabilħaqq referenzi għall-Unjoni Ewropea; l-Artikolu 35 tal-Konvenzjoni Ewropea kellu jitqies bħala applikabbli; u li l-piena mitluba fir-rikors tal-appell tal-Avukat Ġenerali fil-proċeduri ***'Il-Pulizija v. Nicola Micallef'*** pendenti quddiem il-Qorti tal-Appell Kriminali tikser Artikolu 3 tal-Konvenzjoni Ewropea għaliex ħarxa u sproporzjonata meta mqabbla man-natura tar-reati li ġie mixli bihom.

10. L-Avukat Ġenerali wieġeb illi l-appell tar-rikorrent, apparti li mhuwiex mistħoqq xejn, huwa wkoll null stante li ma setax isir ladarba l-ewwel Qorti ddikjarat l-ilment tiegħu bħala frivolu u vessatorju.

11. Fis-seduta tal-21 ta’ Ġunju, 2021, il-Qorti awtorizzat lill-partijiet sabiex jippreżentaw nota ta’ riferenzi fuq talba tal-attur. Dakinhar stess l-attur ippreżenta nota b’referenza għal sentenzi u wkoll fiha għamel argumenti. Fil-fatt fil-bidu tal-att huwa sempliċement ingassa l-kliem “sottomissjonijiet ulterjuri” u kiteb “referenzi”. Ġialadarba l-attur ma qagħadx għall-ordni tal-qorti, mhijiex ser tqis l-argumenti li għamel f’dik in-nota.

12. Fil-21 ta’ Ġunju, 2021, l-attur ippreżenta nota li mhijiex biss ta’ referenzi iżda fiha wkoll argumenti. Fis-seduta li saret dakinhar, il-Qorti awtorizzat lill-attur sabiex jippreżenta nota ta’ referenzi u mhux nota ta’ sottomissjonijiet.

<u>Konsiderazzjonijiet</u>

*<u>Il-Fatti.</u>*

13. Il-<u>fatti</u> li wasslu għall-proċeduri odjerni huma sintetikament is-segwenti:

13.1. Fid-<u>29 ta’ Ottubru ,2015,</u> il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti tal-Ġudikatura Kriminali sabet lill-appellant ħati talli żamm, fil-

vettura Ford Escort BAD-081 u fir-residenza tiegħu, sigaretti, xorb u tabakk bil-kutrabandu tal-valur ta’ €642.65 mingħajr ma ħallas fuqhom il-valur sħiħ ta’ €2,560.34 konsistenti f’dazju tas-Sisa, dazju ta’ importazzjoni u taxxa fuq il-valur miżjud; u li biegħ sigaretti bil-kutrabandu tal-valur komplessiv ta’ €58 bla ma ħallas fuqhom il-valur sħiħ ta’ €305.68 konsistenti f’dazju tas-Sisa, dazju ta’ importazzjoni u taxxa fuq il-valur miżjud;

13.2. Il-piena mogħtija lill-appellant għal dan ir-reat kienet ta’ multa ta’ €1,500, flimkien ma’ kundanna ta’ ħabs ta’ sentejn sospiżi għal erba’ snin kif ukoll il-konfiska tal-vettura numru BAD-081;[6]

13.3. L-appellant m’appellax mis-sentenza tad-29 ta’ Ottubru, 2015, u fl-20 ta’ Jannar, 2016, ħallas il-multa ta’ €1,500;

13.4. Min-naħa l-oħra, l-Avukat Ġenerali appella u talab lill-Qorti tal-Appell Kriminali sabiex iżżid il-piena skont id-dispożizzjonijiet relattivi tal-Kap. 37 (Ordinanza tad-Dwana), 382 (Att dwar id-Dazju tas-Sisa) u 406 (Att dwar it-Taxxa fuq il-Valur Miżjud).

[6] Effettivament din il-vettura kienet diġa’ konfiskata u minkejja li fit-13 ta’ Lulju, 2009, l-appellant odjern intavola proċeduri ċivili sabiex jikkontesta l-konfiska tal-vettura, dik it-talba ġiet miċħuda permezz ta’ deċiżjoni mogħtija mill-Qorti tal-Maġistrati fid-9 ta’ Lulju, 2012, li minnha huwa ma appellax.

13.5. Ir-rikorrent ippreżenta l-kawża tal-lum u l-Qorti tal-Appell Kriminali ordnat is-soprasessjoni sakemm tinqata' din il-kawża.

13.6. L-ilment tal-appellant huwa bbażat fuq <u>it-tibdil tal-piena kif mitluba mill-Avukat Ġenerali</u> għaliex: (i) mhux proporzjonata għar-reat kommess u għalhekk jilledi l-Artikolu 49(3) tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea, u (ii) inumana u degradanti u b'hekk leżiva tad-dritt protett bl-Artikolu 3 tal-Konvenzjoni għall-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem u tal-Libertajiet Fundamentali. Invoka ukoll l-Artikolu 35(3) tal-istess Konvenzjoni;

13.7. L-ewwel Qorti ċaħdet it-talbiet u saħansitra ddikjarat li huma frivoli u vessatorji skont l-Artikolu 46 (5) tal-Kostituzzjoni ta' Malta u l-Artikolu 4(5) tal-Kap 319 tal-Liġijiet ta' Malta.

*<u>L-eċċezzjoni tan-nullita` tar-rikors tal-appell.</u>*

14. Il-paragrafu finali tas-sentenza appellata jaqra:

> *'66. Għalhekk, fil-każ odjern, il-Qorti ma ssib ebda diffikulta' illi, filwaqt li tiċħad it-talbiet kollha rikorrenti, tiddikjara il-lanjazi mqajjma minnu bħala frivoli u vessatorji, u għalhekk japplika dettam tal-Artikolu 46 (5) tal-Kostituzzjoni ta' Malta u l-Artikolu 4(5) tal-Kap 319 tal-Liġijiet ta' Malta.'*

15. L-artikoli li għalihom irreferiet l-ewwel Qorti jipprovdu illi:

*'(5) Ma jkunx hemm appell minn xi deċiżjoni skont dan l-artikolu li xi talba jew it-tqanqil ta' xi kwistjoni tkun semplicement frivola jew vessatorja.'*

16. F'dan ir-rigward l-appellat irrefera għal sentenza mogħtija minn din il-Qorti fis-6 ta' Ġunju, 2006, ***Barc Company Limited v. Avukat Ġenerali et*** fejn ingħad illi l-imsemmija dispożizzjonijiet huma ta' ordni pubbliku tant illi dan id-divjet t'appell jista' jitqajjem saħansitra *ex officio* mill-Qorti. L-appellat irrefera wkoll għas-sentenza fl-ismijiet ***Hix Limited v. Avukat Ġenerali*** deċiża fit-30 ta' Novembru, 2007. Isostni għalhekk li ladarba l-ewwel Qorti ddeċidiet li tagħlaq il-bieb tal-appell lil Nicola Micallef, din il-Qorti ma tistax tikkunsidrah.

17. Fis-sentenza ***Barc Company Limited v. Avukat Ġenerali et*** din il-Qorti qalet:

*'9. Il-principji li jirregolaw il-kwistjoni ta' meta u taht liema cirkostanzi jkun hemm l-ostakolu ravvizat fl-imsemmija Artikoli 46(5) u 4(5) huma ormaj ben stabbiliti u ma jidhirx li din il-Qorti ghandha ghalfejn toqghod tirrikapitolahom per filo e per segno. Issir referenza, a skans ta' ripetizzjoni, ghas-sentenzi ta' din il-Qorti fl-ismijiet Lawrence Grech v. L-Avukat Generali et, Qorti Kost., 16/5/2006, Salvatore Grech v. Avukat Generali, supra, nota in calce numru 2, Carmen Micallef v. Prim Ministru et, Qorti Kost., 24/10/2005, u Anthony Pace v. Avukat Generali et, Qorti Kost., 20/10/2004 – u s-sentenzi l-ohra kollha msemmija fihom. Is-sens ta' dawn is-sentenzi, u ghalhekk tal-gurisprudenza in materja, hu li, ghalkemm hu desiderabbli li meta Qorti tkun ser timbolla xi talba li tkun saret quddiemha jew it-tqanqil ta' xi kwistjoni bhala frivola u vessatorja fis-sens tal-imsemmija zewg artikoli (b'mod li jigi prekluz appell mid-decizjoni taghha) tintuza l-lokuzzjoni adoperata mil-legislatur – cioe` "semplicement frivola" jew "semplicement vessatorja" – ma hux neccessarjament il-kliem uzat li jiddetermina finalment jekk ikunx hemm l-ostakolu ravvizat fl-imsemmija disposizzjonijiet. Jista' jkun hemm ragunijiet eccezzjonali fejn din il-Qorti (il-Qorti Kostituzzjonali), minkejja l-kliem adoperati mill-ewwel Qorti, tkun tal-fehma li d-divjet ma jkunx applikabbli; u, bil-kontra, jista' ma jkunux gew*

*uzati l-kliem ezatti indikati f'dawn id-disposizzjonijiet izda jkun evidenti li dak li tkun qed tghid l-ewwel Qorti jkun sostanzjalment jammonta ghal dikjarazzjoni ta' "semplicement frivola" jew "semplicement vessatorja".'*

18. F'dan ir-rigward, fis-sentenza fl-ismijiet ***Hix Limited v. Avukat Ġenerali*** din il-Qorti fissret ukoll illi:

*'3. It-twissija ta' Thomas Fuller, ripetuta minn Alfred Lord Denning fil-konfront ta' l-Avukat Generali ta' l-Ingilterra fis-sentenza Gouriet v. Union of Post Office Workers and Others, u cioe` "Be you never so high, the law is above you" tapplika mhux biss ghall-Avukat Generali u ghall-membri tal-fergha Ezekuttiva tal-Gvern, izda anke ghal-Legislatura – li ukoll trid timxi fil-parametri tal-ligi u tirrispetta in partikolari d-drittijiet u libertajiet fondamentali tal-bniedem – kif ukoll ghall-Qrati, inkluza din il-Qorti. Minkejja l-poteri wiesgha li ghandha din il-Qorti (kif ukoll il-Prim Awla tal-Qorti Civili) taht is-subartikolu (2) ta' l-Artikolu 46 tal-Kostituzzjoni u taht is-subartikolu (2) ta' l-Artikolu 4 tal-Kap. 319, din il-Qorti hi wkoll obbligata li tosserva l-ligi, inkluza dik tal-procedura. Mill-banda l-ohra, meta xi disposizzjoni tal-ligi tkun tali li tirrestringi jew tillimita (jew tista' tirrestringi jew tillimita) l-access ghall-qrati, specjalment fil-kamp tad-drittijiet fondamentali, tali disposizzjoni ghandha tinghata interpretazzjoni restrittiva, minghajr, pero`, ma jigi vanifikat l-iskop legittimu li ghalih tkun saret jew tkun mahsuba dik ir-restrizzjoni jew limitazzjoni.*

*4. Kwantu ghat-tieni wahda miz-zewg kwistjonijiet aktar 'l fuq accennati – u cioe` jekk fil-kaz in dizamina japplikax id-divjet ta' l-Artikolu 46(5) tal-Kostituzzjoni u ta' l-Artikolu 4(5) tal-Kap. 319, din il-Qorti, kif illum komposta, diga` kellha l-opportunita` li tesprimi ruhha fit-termini segwenti fis-sentenza tal-20 ta' Ottubru 2004 fl-ismijiet Anthony Pace v. Avukat Generali et (fejn addirittura anqas kien hemm xi eccezzjoni bbazata fuq l-imsemmija disposizzjonijiet fir-rigward tas-sentenza appellata, cioe` tas-sentenza tal-Prim Awla): "…biex ikun hemm l-ostakolu imsemmi l-ewwel Qorti trid tkun ippronunzjat ruhha fis-sens li talba kienet 'semplicement frivola' jew 'semplicement vessatorja' (ara, Joseph u Alexander Ciantar v. L-Onorevoli Prim Ministru Qorti Kost., 10 ta' Mejju, 1995; Mario Azzopardi v. Registratur tal-Qorti et. Qorti Kost., 17 ta' Jannar, 1996). Il-legislatur ried li l-proceduri ma jimxux oltre mhux meta t-talba (jew it-tqanqil ta' xi kwistjoni skond il-kaz) tkun infondata, ghax batuta, malkoncepita jew ingarbuljata, izda meta tkun mill-ewwel tidher li hija vana, nieqsa mis-serjeta`, manifestament nieqsa mis-sens u ma jisthoqqilhiex attenzjoni (ergo frivola), jew maghmula biss biex iddejjaq jew tirrita lill-kontroparti (ergo vessatorja), u dan kollu b'mod tant car illi mhux ragjonevolment possibbli li wiehed jikkontesta li t-talba jew it-tqanqil ta' dik il-kwistjoni hija effettivament frivola jew vessatorja (jew possibilment anke t-tnejn)."*

> ...
> *7. Pero` fil-fehma tal-Qorti, l-aktar punt determinanti ghar-risoluzzjoni ta' din il- kwistjoni huwa l-fatt li l-ewwel Qorti, fis-sentenza appellata irriteniet biss li l-kwistjoni migjuba quddiemha kienet "wahda frivola" u mhux "semplicement frivola". Il-kwalifika ta' "semplicement" ma ddahlitx ghal xejn mil-legislatur – ara paragrafu 4, supra, ta' din it-taqsima. Dan iwassal lil din il-Qorti ghall-konkluzjoni li, fid-dawl tac-cirkostanzi kollha kif hawn aktar 'l fuq spjegat, l-ewwel Qorti, biex tasal ghall-konkluzjoni li waslet ghaliha fis-sentenza appellata, ma ghamlitx dik l-analizi tat-talba jew talbiet tar-rikorrent appellant kif rikjest sabiex tkun tista' tigi imbollata fit-termini tas-suabrtikolu (5) ta' l-Artikolu 46 tal-Kostituzzjoni u tad-disposizzjoni korrispondenti tal-Kap. 319. Konsegwentement ma jistax jinghad li l-appell huwa irritu u null.'*

19. Wieħed jista' jikkunsidra li dak li ntqal f'din l-aħħar sentenza hu wisq formalistiku. Madankollu, d-dubju għandu jmur favur id-dritt ta' aċċess għall-qorti. Dan apparti li qorti m'għandhiex faċilment tikkonkludi li lmenti huma fiergħa u vessatorji, iktar u iktar meta f'dan il-każ l-ilment ma kienx minħabba l-konfiska tal-vettura. Sanzjoni li r-rikorrent ma kkontestax filwaqt li fis-sentenza appellata l-enfażi kienet fuq il-vettura. Wara li l-Qorti kkunsidrat l-ilment tar-rikorrent ma tqisx li hu, *'sempliċement fieragħ u/jew sempliċement vessatorju'*.

20. F'kull każ, l-allegat ksur tal-Artikolu 49(3) tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Bniedem (2012/C 326/02) jaqa' 'l barra mill-parametri tal-imsemmija dispożizzjonijiet tal-Kostituzzjoni u tal-Konvenzjoni. Għalhekk il-projbizzjoni imposta bl-Artikolu 46 (5) tal-Kostituzzjoni ta' Malta u bl-Artikolu 4(5) tal-Kap 319 ma japplikawx.

*L-Aggravji tal-Appellant.*

21. Il-Qorti ser tibda billi tindirizza l-'*aggravju'* f'paragrafu '*a.3*' tar-rikors tal-appell (paġna 23) u li bih l-appellant isostni li l-fatt li m'appellax is-sentenza mogħtija mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali ma jfissirx li ma utilizzax ir-rimedji disponibbli għalih skont il-liġi. Skontu għalhekk, kellu jiġi applikat l-Artikolu 35 tal-Konvenzjoni għall-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem u tal-Libertajiet Fundamentali u konsegwentement jingħata rimedju effettiv u effikaċi.

22. Art. 35(1) jipprovdi:

> *'1.The Court may only deal with the matter after all domestic remedies have been exhausted, according to the generally recognised rules of international law, and within a period of six months from the date on which the final decision was taken'.*

23. Dan l-ilment sar bla bżonn in kwantu l-Art. 35 qiegħed jipprovdi dwar proċeduri li jsiru quddiem Qorti Ewropea għad-Drittijiet tal-Bniedem.

24. Kif sewwa qal l-Avukat Ġenerali, l-ewwel Qorti ċaħdet l-ilment relatat mal-Art. 35(3) tal-Konvenzjoni minħabba li dik id-dispożizzjoni tgħodd għall-organi ġudizzjarji tal-Kunsill tal-Ewropa u mhux għall-Qrati Maltin.

25. Għalkemm fil-parti dispożittiva tas-sentenza appellata l-ewwel Qorti laqgħet l-eċċezzjonijiet '*kollha'* tal-appellat, m'hemmx dubju li l-

eċċezzjoni preliminari tal-Avukat Ġenerali dwar in-nuqqas ta' eżawriment tar-rimedji ordinarji ġiet miċħuda. Tant hu hekk li l-ewwel Qorti qieset il-kwistjoni fil-mertu.

26. Għaldaqstant, tiċħad l-aggravju.

27. Imbagħad permezz tal-parti '*a.1*' tar-rikors tal-appell, l-appellant jilmenta illi l-ewwel Qorti '*setgħet kkunsidrat punti oħra li ġew rilevati fl-interpretazzjoni u kuntest tal-artikolu 49(3) tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea'*. Jikkontendi f'dan il-kuntest illi l-Kap. 37, Kap. 382 u Kap. 406 ġew emendati u regolati minħabba transpożizzjoni ta' liġi Ewropea u għalhekk l-Artikolu 49(3) tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea huwa applikabbli. Dispożizzjoni li tipprovdi:

> *"(3) The severity of penalties must not be disproportionate to the criminal offence".*

28. L-appellant irrefera għall-każistika tal-Qorti Ewropea kif ukoll lokali sabiex isaħħaħ l-argument li l-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea għandha tapplika fil-każ in eżami.

29. Il-konsiderazzjonijiet magħmula mill-ewwel Qorti kienu dawn:

> *'49. Il-Qorti tosserva illi, in linea ma' dak fuq indikat, għandu ikun mifhum li lment ta' ksur ta' provvediment tal-Karta tad-Drittijiet tal-*

*Unjoni Ewropea jista' jiġi mistħarreġ biss mill-Qrati tagħna biss jekk il-ksur jirrigwarda liġi tal-Unjoni Ewropea.*

*50. Għalhekk, in vista tas-suespost, din il-Qorti taqbel ma' dak sottomess mill-intimat Avukat tal-Istat li r-rikorrent ma jistax jinvoka l-Artikolu 49(3) tal-Karta tad-Drittijiet tal-Unjoni Ewropea għaliex dan l-artikolu tal-Karta japplika biss meta l-ilment jirrigwarda it-tħaddim ta' liġi tal-Unjoni. Fil-każ in eżami, ir-rikorrent bl-ebda mod ma rabat l-ilment tiegħu ma' liġi tal-Unjoni Ewropea għalkemm jipprova jikkontendi illi l-liġi nostrana hija riżultat tat-trasposizzjoni ta' liġi Ewropea, fatt li ftit li xejn ma ġie ippruvat.'*

30. Effettivament, l-Artikolu 51 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea jipprovdi illi:

*'1. Id-dispożizzjonijiet ta' din il-Karta huma intiżi għall-istituzzjonijiet, għall-korpi u għall-aġenziji ta' l-Unjoni fir-rispett tal-prinċipju ta' sussidjarjetà u għall-Istati Membri wkoll biss meta jkunu qed jimplimentaw il-liġi ta' l-Unjoni. Huma għandhom għaldaqstant jirrispettaw id-drittijiet, josservaw il-prinċipji u jippromwovu l-applikazzjoni tagħhom, skond il-kompetenzi rispettivi tagħhom u fir-rispett tal-limiti tal-kompetenzi ta' l-Unjoni kif mogħtija lilha fit-Trattati.*

*2. Il-Karta ma testendix il-kamp ta' applikazzjoni tal-liġi ta' l-Unjoni lil hinn mill-kompetenzi ta' l-Unjoni jew ma tistabbilixxi ebda setgħa jew kompitu ġdid għall-Unjoni, u ma timmodifikax il-kompetenzi u l-kompiti definiti fit-Trattati.'*

31. Fis-sit elettroniku tal-Aġenzija FRA (*European Union Agency for Fundamental Rights*),[7] l-Art. 51 ġie spjegat hekk fil-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea:

*'L-iskop ta' l-Artikolu 51 huwa li jiddetermina l-istess kamp ta' applikazzjoni tal-Karta. Huwa intiż sabiex jistabbilixxi b'mod ċar li l-Karta tapplika primarjament għall-istituzzjonijiet u l-korpi ta' l-Unjoni, b'konformità mal-prinċipju ta' sussidjarjetà. Din id-dispożizzjoni kienet abbozzata skond l-Artikolu 6(2) tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea, li jobbliga lill-Unjoni tirrispetta d-drittijiet fundamentali, u skond il-mandat*

[7] Artikolu 51 - Kamp ta' applikazzjoni | European Union Agency for Fundamental Rights (europa.eu)

*mogħti mill-Kunsill Ewropew ta' Kolonja. It-terminu `istituzzjonijiet` huwa rikonoxxut fit-Trattati. L-espressjoni `korpi u aġenziji` hija użata komunement fit-Trattati sabiex tirriferi għall-awtoritajiet kollha stabbiliti mit-Trattati jew mil-leġislazzjoni sekondarja (ara, per eżempju, l-Artikolu 15 jew 16 tat-Trattat dwar il-Funzjonament ta' l-Unjoni Ewropea).*

*Fir-rigward ta' l-Istati Membri, joħroġ b'mod ċar mill-każistika tal-Qorti tal-Ġustizzja li l-obbligu tar-rispett għad-drittijiet fundamentali definit f'kuntest ta' l-Unjoni jorbot biss lill-Istati Membri meta dawn jaġixxu fil-kamp ta' applikazzjoni tal-liġi ta' l-Unjoni (is-sentenzi tat- 13 ta' Lulju 1989, Wachauf (5/88, Ġabra 1989, p. 2609); tat- 18 ta' Ġunju 1991, ERT (C-260/89), Ġabra 1991, p. I-2925) u tat- 18 ta' Diċembru 1997, Annibaldi (C-309/96, Ġabrap. I-7493). Reċentement il-Qorti tal-Ġustizzja ikkonfermat din il-każistika kif ġej: `Barra minn hekk, ta' min ifakkar li r-rekwiżiti li jemanaw mill-protezzjoni tad-drittijiet tal-bniedem fis-sistema legali Komunitarja jorbtu wkoll lill-Istati Membri meta dawn jimplimentaw ir-regoli tal-Komunità...` (sentenza tat- 13 ta' April 2000, Karlsson u oħrajn (C-292/97, Ġabra 2000, p. I-2737, punt 37)). Mingħajr dubju, din ir-regola, kif asserita f'din il-Karta, tapplika għall-awtoritajiet ċentrali kif ukoll għall-korpi reġjonali u lokali, u għall-organizzazzjonijiet pubbliċi, meta dawn jimplimentaw il-liġi ta' l-Unjoni.*

*Il-paragrafu 2, flimkien mat-tieni sentenza tal-paragrafu 1, jikkonfermaw li l-Karta ma jistax ikollha l-effett li testendi l-kompetenzi u l-kompiti mogħtija mit-Trattati lill-Unjoni. Hawnhekk qiegħed isir aċċenn espliċitu għall-konsegwenzi loġiċi tal-prinċipju ta' sussidjarjetà u tal-fatt li l-Unjoni għandha biss dawk il-kompetenzi mogħtija lilha. Id-drittijiet fundamentali kif iggarantiti fl-Unjoni ma għandhom l-ebda effett ħlief fil-kuntest tal-kompetenzi ddeterminati mit-Trattati. Konsegwentement, l-obbligu, skond it-tieni sentenza tal-paragrafu 1, ta' l-istituzzjonijiet ta' l-Unjoni li jippromwovu l-prinċipji stipulati fil-Karta, jista' jeżisti biss fil-limiti ta' dawn l-istess kompetenzi.*[8]

*Il-paragrafu 2 jikkonferma wkoll li l-Karta ma jistax ikollha l-effett li testendi l-kamp ta' applikazzjoni tal-liġi ta' l-Unjoni lil hinn mill-kompetenzi ta' l-Unjoni kif stabbiliti fit-Trattati. Il-Qorti tal-Ġustizzja diġà stabbiliet din ir-regola fir-rigward tad-drittijiet fundamentali rikonoxxuti bħala parti mil-liġi ta' l-Unjoni (is-sentenza tas- 17 ta' Frar 1998, Grant (C-249/96, Ġabra 1998, p. I-621, punt 45). Huwa għalhekk ovvju, skond din ir-regola, li r-referenza għall-Karta fl-Artikolu 6 tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea ma tistax tiġi interpretata bħala li, bis-saħħa tagħha stess, testendi l-medda ta' l-azzjonijiet ta' l-Istati Membri li huma kkunsidrati bħala l-`implimentazzjoni tal-liġi ta' l-Unjoni` (fis-sens tal-paragrafu 1 u tal-każistika imsemmija hawn fuq)'.*

[8] Enfasi tal-Qorti.

32. Fis-sentenza ***C-206/13 Cruciano Siragusa v. regione sicilia Sopritendenza Beni Culturali e Ambientali di Palermo*** deċiża mill-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea (QtĠ -UE) fis-6 ta' Marzu, 2014, ingħad kif ġej:

> *'20 Under Article 51(1) thereof, the provisions of the Charter are addressed to the Member States <u>only when they are implementing EU law</u>. Article 6(1) TEU and Article 51(2) of the Charter specify that the provisions of the Charter are not to extend in any way the competences of the Union as defined in the Treaties. Accordingly, the Court is called upon to interpret, in the light of the Charter, the law of the European Union within the limits of the powers conferred on it (see Case C-256/11 Dereci and Others [2011] ECR I-11315, paragraph 71 and the case-law cited).*
>
> *21 The Court has already observed that it has no jurisdiction to examine the compatibility with the Charter of national legislation falling outside the scope of EU law. <u>On the other hand, if such legislation falls within the scope of EU law, the Court, when requested to give a preliminary ruling, must provide all the guidance as to interpretation needed in order for the national court to determine whether that legislation is compatible with the fundamental rights the observance of which the Court ensures</u> (see Case C-617/10 Åkerberg Fransson [2013] ECR, paragraph 19 and the case-law cited).*
>
> *22 That definition of the scope of the fundamental rights of the European Union is borne out by the explanations relating to Article 51 of the Charter, which, in accordance with the third subparagraph of Article 6(1) TEU and Article 52(7) of the Charter, have to be taken into consideration for the purposes of interpreting the Charter (see, to that effect, Case C-279/09 DEB [2010] ECR I-13849, paragraph 32). According to those explanations, the obligation to respect fundamental rights defined in the context of the European Union is binding upon the Member States only in respect of matters covered by EU law.*
>
> *23 According to the description provided by the referring court, the main proceedings concern an order requiring Mr Siragusa to dismantle work carried out in breach of a law protecting the cultural heritage and the landscape. There is a connection between such proceedings and EU environmental law since protection of the landscape – the aim of the national legislation in question – is an aspect of protection of the environment. In that regard, the referring court refers to various provisions of EU environmental law.*

*24 However, it should be borne in mind that the concept of 'implementing Union law', as referred to in Article 51 of the Charter, requires a certain degree of connection above and beyond the matters covered being closely related or one of those matters having an indirect impact on the other (see, to that effect, Case C-299/95 Kremzow [1997] ECR I-2629, paragraph 16).*[9]

*25 In order to determine whether national legislation involves the implementation of EU law for the purposes of Article 51 of the Charter, some of the points to be determined are whether that legislation is intended to implement a provision of EU law; the nature of that legislation and whether it pursues objectives other than those covered by EU law, even if it is capable of indirectly affecting EU law; and also whether there are specific rules of EU law on the matter or capable of affecting it (see Case C-309/96 Annibaldi [1997] ECR I-7493, paragraphs 21 to 23; Case C-40/11 Iida [2012] ECR, paragraph 79; and Case C-87/12 Ymeraga and Others [2013] ECR, paragraph 41).*

*26 In particular, the Court has found that fundamental EU rights could not be applied in relation to national legislation because the provisions of EU law in the subject area concerned did not impose any obligation on Member States with regard to the situation at issue in the main proceedings (see Case C-144/95 Maurin [1996] ECR I-2909, paragraphs 11 and 12)'.'*[10]

33. Il-Qorti rat ukoll is-sentenzi fl-ismijiet ***Erich Stauder v. City of Ulm - Sozialamt*** (Reference for a preliminary ruling: Verwaltungsgericht Stuttgart – Germany - Case 29-69) u ***Internationale Handelsgesellschaft mbH v. Einfuhr- und Vorratsstelle für Getreide und Futtermittel*** (Reference for a preliminary ruling: Verwaltungsgericht Frankfurt am Main – Germany - Case 11-70). F'din tal-aħħar ingħad sempliċement illi:

*"3 Recourse to the legal rules or concepts of national law in order to judge the validity of measures adopted by the institutions of the Community would have an adverse effect on the uniformity and efficacy of Community law. The validity of such measures can only be judged in the light of Community law. In fact, the law stemming from the Treaty,*

[9] Enfasi tal-Qorti.
[10] Enfasi tal-Qorti.

*an independent source of law, cannot because of its very nature be overridden by rules of national law, however framed, without being deprived of its character as Community law and without the legal basis of the Community itself being called in question. Therefore the validity of a Community measure or its effect within a Member State cannot be affected by allegations that it runs counter to either fundamental rights as formulated by the constitution of that State or the principles of a national constitutional structure.*

*4 However, an examination should be made as to whether or not any analogous guarantee inherent in Community law has been disregarded. In fact, respect for fundamental rights forms an integral part of the general principles of law protected by the Court of Justice. The protection of such rights, whilst inspired by the constitutional traditions common to the Member States, must be ensured within the framework of the structure and objectives of the Community. It must therefore be ascertained, in the light ofthe doubts expressed by the Verwaltungsgericht, whether the system of deposits has infringed rights of a fundamental nature, respect for which must be ensured in the Community legal system."*

34. Il-ġurisprudenza li rrefera għaliha l-appellant titratta kwistjonijiet ta' liġi komunitarja. Imkien ma ngħad illi '*jekk pajjiż membru ma jħarisx il-prinċipji ġenerali jkun qiegħed indirettament jikser ukoll l-Obbligi tal-liġi Komunitarja',* kif allegat mill-appellant.

35. L-appellant semma wkoll is-sentenza tal-Qorti Ċivili, Prim'Awla tal-15 ta' Frar, 2019, fil-każ ta' ***Cecil Herbert Jones v. Avukat Ġenerali****.* Sentenza preliminari dwar eċċezzjoni ta' nullita` mogħtija mill-Avukat Ġenerali għaliex ir-rikors promutur ma kienx maħluf. Il-Qorti f'dak il-każ għamlet referenza għal *paper* maħruġa mill-*European Parliamentary Research Service*[11] fejn ingħad illi:

*'The ECJ's position is that:*

[11] EPRS_IDA(2015)554168_EN.pdf (europa.eu)

> *"fundamental rights guaranteed by the Charter must ... be complied with where national legislation falls within the scope of European Union law [therefore] situations cannot exist which are covered in that way by European Union law without those fundamental rights being applicable. The applicability of European Union law entails applicability of the fundamental rights guaranteed by the Charter". [emphasis added]*

*According to this statement, the ECJ assimilates the meaning of 'implementing EU law with 'the scope of EU law', which is obviously wider than the previous expression. As Judge Safjan indicated, in Åkerberg Fransson, the ECJ adhered to the so-called 'functional approach' to the scope of application of the Charter by national courts, whereby the duty to apply the Charter:*

> *'concerns not only the specific provisions adopted specifically for implementation purposes **but also other national provisions, which are necessary to ensure an effective application of the European provisions**. ... [It] requires the indication of a concrete, precisely identified rule of EU law applicable within the scope of national law, so that the Charter could be applied.'*

36. Fir-rikors tal-appell tiegħu l-appellant jikkontendi li fil-Kap. 37, 381 u 406 hemm referenzi varji għal-liġijiet komunitarji u għalhekk tapplika l-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea. Iżda naqas milli jindika n-ness bejn tali referenzi u d-dispożizzjonijiet speċifiċi tal-istess liġijiet li skontu huma anti-kostituzzjonali, ċioe`:

i. l-Artikolu 60(1)(a)(b)(c)(k); l-Artikolu 62(a)(b)(c)(d)(f)(g)(h)(i)(k) u l-paragrafu (a) tal-proviso tal-istess Artikolu; l-Artikolu 68(1) u l-Artikolu 69(1) u (2) tal-Kap. 37 tal-Liġijiet ta' Malta;[12]

[12] L-Artikolu 60 tal-Ordinanza tad-Dwana (Kap. 37) jitkellem dwar il-konfiska ta' oġġetti ta' kontrabandu, l-Artikolu 62 jirregola r-reati u l-pieni, filwaqt li l-Artikoli 68 u 69 jipprovdu dwar il-konfiska tal-mezz tal-ġarr.

ii. l-Artikoli 16(1) u 17(a), Regolament 13 tat-Taqsima B u r-Regolament 7 tat-Taqsima Ċ tas-Sitt Skeda tal-Kap. 382;[13] u

iii. l-Artikolu 80 tal-Kap. 406 tal-Liġijiet ta' Malta.[14]

37. F'dan il-kuntest issir parenteżi żgħira biex jiġi puntwalizzat li minkejja li l-appellant talab lil din il-Qorti tiddikjara l-artikoli kollha surriferiti bħala li jiksru l-Kostituzzjoni, fl-aggravju numerat '*a.3*' jenfasizza li m'huwiex jilmenta mis-sentenza mogħtija mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali tad-29 ta' Ottubru, 2015, u lanqas mill-konfiska tal-vettura. L-ilment tiegħu iżda hu bbażat fuq l-appell tal-Avukat Ġenerali li bih talab żieda fil-piena, li '*jkun hemm multiplikazzjonijiet qawwija tal-ħlas tad-dazju u tal-valur tal-merkanzija. Huwa fuq dan li l-esponenti qiegħed jilmenta.*' (sezzjoni '*a.4*' tar-rikors tal-appell).

38. Minkejja li l-appellant jilmenta dwar id-dispożizzjonijiet fuq imsemmija, dak li jifforma verament il-bażi tal-ilment tiegħu huma effettivament l-proviso (a) tal-Artikolu 62 tal-Ordinanza tad-Dwana, it-tieni u t-tielet provisos tal-Artikolu16(1) tal-Kap. 382 u l-Artikolu 80 tal-Att dwar

[13] L-Artikolu 16 tal-Kap. 382 jipprovdi għal reati u pieni, filwaqt li l-Artikolu 18 tal-istess jipprovdi għall-konfiska tal-oġġetti dazjabbli. Ir-Regolament 13 tat-Taqsima B u r-Regolament 7 tat-Taqsima Ċ tas-Sitt Skeda jipprovdu mbgħad speċifikament għall-konfiska tal-*alcohol* u s-sigaretti li jinsabu fil-pussess ta' persuna bi ksur tal-istess Regolamenti.
[14] Reati li għandhom x'jaqsmu mal-importazzjoni.

it-Taxxa fuq il-Valur Miżjud inkwantu jimponu multa ekwivalenti għal tliet darbiet id-dazju/taxxa li kellha titħallas/perikolata.

39. Ma jirriżultax illi dawn l-artikoli speċifiċi huma riżultat ta' transpożizzjoni minn liġijiet komunitarji, u lanqas ma sar xi argument f'dan is-sens mill-appellant. Mir-riċerka li għamlet il-Qorti rriżulta li multa ekwivalenti għal tliet darbiet it-taxxa/dazju ġiet l-ewwel introdotta fil-Kap. 37 u 406 permezz tal-Att XIII tal-2005. Fid-diskussjonijiet li saru waqt il-laqgħa tal-kumitat permanenti għall-konsiderazzjoni ta' abbozzi ta' liġi li saret fil-15 ta' Ġunju, 2005, li kien qed jiddiskuti l-Abbozz ta' Liġi numru 44 tal-Għaxar Leġislatura, intqal:

> *'Klawsola 7 - Emenda ta' l-artiklu 18 tal-Liġi prinċipali*
>
> *Clause 7 - Amendment of article 18 of the principal Law*
>
> *THE CHAIRMAN: Is-Segretarju Parlamentari.*
>
> *ONOR. TONIO FENECH: Mr Chairman, fi klawsola 7 qed nagħmlu l-ewwel emenda li tikkonċerna proprju l-multi fil-każ tad-dwana. Inħass li s-sitwazzjoni f'dik li hija d-dwana bħala multi fejn qabel il-multa kienet tkun daqs it-total meta jingħad flimkien l-ammont kollu ta' dazju li jkollu jitħallas fuq l-oġġett, u jiġi d-doppju tal-valur ta' dak l-oġġett jew inkella Lm25, issa qed inbiddlu l-multa biex ngħidu li <u>multa f'dawn il-każijiet ikun ekwivalenti għal tliet darbiet l-ammont tad-dazju</u>.*
>
> *Dan għaliex inħass li llum, anke bid-diversi emendi li kienu saru, anke d-dazju mhux daqshekk sostanzjali daqskemm ikun qabel kien ikun eċċessiv il-kastig li kien qed jingħata minħabba li wieħed ma jkunx iddikjara għal skopijiet ta' dwana xi oġġett partikolari. Qed jidħol ukoll il-kunċett li terz minn dak l-ammont ikun jista' jitqies bħala dejn ċivili u allura jitħallas lid-dipartiment tad-dwana.*
>
> *...*
>
> *Klawsola 8 - Emenda ta' l-artiklu 62 tal-Liġi prinċipali*

*Clause 8 - Amendment of article 62 of the principal Law*

*THE CHAIRMAN: Is-Segretarju Parlamentari.*

*ONOR. TONIO FENECH: Mr Chairman, klawsola 8 qed temenda l-artiklu 62 tal-liġi fejn hawnhekk qed inneħħu t-terz ta’ l-ammont tal-multa li jkun dejn ċivili, u qed ngħidu li issa mhux b’xi ordni tal-qorti, imma dan jista’ jsir awtomatikament jekk ikun hemm ftehim mad-dwana. Kien qed jiġri li biex jaslu għal settlement wieħed irid bilfors imur il-qorti. Wieħed jista’ jaċċetta li din jagħmilha imma terz minnha tmur fil-konfront tad-dipartiment tad-dwana.*

*THE CHAIRMAN: U għandek it-tħassir tal-proviso wkoll.*

*ONOR. TONIO FENECH: Qed inħassru wkoll il-proviso ta’ dan l-artiklu. (Interruzzjonijiet)*

*THE CHAIRMAN: Kemm tintroduċi ruħek.*

*MR. JOHN MIFSUD (Dwana): Li kien jiġri qabel kien li jekk il-qorti timponi penali, l-prosekutur kien irid jagħmel talba biex terz minn dik il-multa jsir dejn ċivili dovut lid-dwana u kienet tiddeċiedi l-qorti taċċettax din it-talba jew le pero' l-affarijiet kienu li d-Dwana kienet qed tagħmel ħafna mix-xogħol hi sakemm tasal għall-prosekuzzjoni.*

*...*

*Klawsola 29 - Emenda ta’ l-artiklu 80 ta’ l-Att prinċipali*

*Clause 29 - Amendment of article 80 of the principal Act*

*THE CHAIRMAN: Is-Segretarju Parlamentari.*

*ONOR. TONIO FENECH: Mr Chairman, klawsola 29 hija fil-fatt klawsola li hija mirrored ma’ dak li għamilna xi ftit jew wisq mad-dwana meta aħna tkellimna fuq l-importazzjoni li xi ħadd ma jkunx iddikjara dik l-importazzjoni. <u>Fil-każ tad-dwana għedna li l-ammont ikun tliet darbiet tad-dazju li jkun ġie maħruġ</u>. Hawnhekk mhux id-doppju ta’ l-ammont sħiħ. Fil-VAT kien hemm dak l-istess tip ta’ kunċett li allura qed indawruh ukoll u qed ngħidu li l-multa għandha tkun tliet darbiet it-taxxa li kellha titħallas preċendentement jew inkella Lm150 skond liema tkun l-akbar. Daħħalna wkoll l-istess kunċett li jekk jaċċetta out of court settlement, allura t-terz minn dak l-ammont għandu jitqies bħala dejn ċivili.*

*THE CHAIRMAN: Li jfisser?*

*ONOR. TONIO FENECH: Li jieħdu d-dipartiment tal-VAT u mhux il-qorti’.*

40. Il-piena ta' tliet darbiet id-dazju ġiet introdotta fil-Kap. 382 permezz tal-Att I tal-2010 u sussegwentement emendata permezz tal-Att III tal-2013 u l-Att XVI tal-2017. L-Att VII tal-2018 introduċa l-*proviso* speċifiku relattiv għal tabakk manifatturat. Fis-seduta tal-*Consideration of Bills Committee* tal-24 ta' Marzu, 2010, li kienet qed tiddiskuti l-Abbozz ta' Liġi 34 tal-ħdax-il leġislatura:

> *'Klawsola 38 – Emenda tal-artikolu 16 tal-Att prinċipali*
>
> *Clause 38 – Amendment of article 16 of the principal Act*
>
> *ONOR. TONIO FENECH: Mr Chairman, għal klawsola 38 għandi din l-emenda:*
>
>> *"AM" Fil-klawsola 38 minflok il-proviso ġdid għall-artikolu 16(1) tal-Att prinċipali għandhom jidħlu l-provisos ġodda li ġejjin:*
>>
>> *"Iżda min jinstab ħati li evada, jew li pprova jevadi d-dazju tas-sisa għandu jeħel multa ta' mhux inqas minn tliet darbiet id-dazju tas-sisa fuq dawn l-oġġetti dazjabbli, liema multa tista' taqbeż il-ħamsa u għoxrin elf euro (€25,000):*
>>
>> *Iżda ukoll, terz minn dak l-ammont għandu jitqies bħala dejn ċivili addebitat u li jitħallas lid-Dipartiment tad-Dwana.".*
>
> *...*
>
> *IS-SUR MARTIN SPITERI: Fi Klawsola 38 fil-fatt żidna li terz mill-piena, ikun fil-fatt dejn ċivili. Tbidlet biex mhux bilfors imur b'sentenza l-ħabs.'*

41. Għalhekk ma jirriżultax li l-piena ġiet introdotta minħabba xi rekwiżit speċifiku f'liġi komunitarja.

42. Min-naħa l-oħra l-Unjoni Ewropea tħaddan Unjoni Doganali.[15] Fil-prattika, dan jimplika li l-awtoritajiet doganali tal-Istati Membri kollha tal-UE jaħdmu flimkien daqslikieku kienu pajjiż wieħed. Huma japplikaw l-istess tariffi għall-oġġetti mportati fit-territorju tagħhom mill-bqija tad-dinja, u ma japplikaw ebda tariffa internament. L-Unjoni Ewropea għandha kompetenza leġislattiva esklussiva f'dan ir-rigward.[16]

43. Il-Qorti tagħraf ukoll illi t-Taxxa fuq il-Valur Miżjud (VAT) hija taxxa fuq il-konsum li tiġi applikata għal kważi l-oġġetti u s-servizzi kollha li jinxtraw u li jinbiegħu għall-użu jew għall-konsum fl-UE.[17] L-Artikolu 273 tad-Direttiva tal-Kunsill 2006/112/KE ta' 28 ta' Novembru, 2006, dwar is-sistema komuni ta' taxxa fuq il-valur miżjud jipprovdi:

> *'L-Istati Membri jistgħu jimponu obbligi oħrajn li jidhrulhom meħtieġa biex jiżguraw il-ġbir korrett ta' VAT u biex ma ssirx frodi, soġġett għall-ħtieġa ta' trattament indaqs bejn transazzjonijiet domestiċi u transazzjonijiet li jsiru bejn Stati Membri minn persuni taxxabbli u sakemm dawn l-obbligi, fin-negozju bejn Stati Membri, ma jagħtux lok għal formalitajiet konnessi mal-qsim ta' fruntieri.*
>
> *L-għażla skond l-ewwel paragrafu ma tistax tintuża biex timponi obbligi tal-fatturazzjoni addizzjonali aktar minn dawk stabbiliti fil-Kapitolu 3.'*

---

[15] Common Customs Tariff – Council Regulation (EEC) No 2658/87; Reliefs from Customs Duty – Council Regulation (EEC) No 1186/2009; Commission Transitional Delegated Regulation (EU) 2016/341; Commission Delegated Regulation (EU) 2015/2446; Commission Implementing Regulation (EU) 2015/2447; Union Customs Code - (UCC) Council Regulation (EU) No 952/2013.

[16] Artikolu 3(1)(a) tal-Ewwel Titolu tal-Ewwel Parti tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea.

[17] Direttiva tal-Kunsill 2006/112/KE ta' 28 ta' Novembru, 2006, dwar is-sistema komuni ta' taxxa fuq il-valur miżjud.

44. *Di piú*, it-Trattat dwar il-Funzjonijiet tal-Unjoni Ewropea (TFUE) jipprovdi illi:

> *'Artikolu 325*
> *(ex Artikolu 280 TKE)*
>
> *1. L-Unjoni u l-Istati Membri għandhom jikkumbattu l-frodi u l-attivitajiet illegali oħra li jaffettwaw l-interessi finanzjarji ta' l-Unjoni permezz ta' miżuri, li jittieħdu skond dan l-Artikolu u li jservu ta' deterrent kif ukoll li jkunu tali li joffru protezzjoni effettiva fl-Istati Membri, kif ukoll fl-istituzzjonijiet, il-korpi u l-organi ta' l-Unjoni.'*

45. Għalhekk, ukoll jekk stess id-dispożizzjonijiet speċifiċi tal-Kapitoli 37, 382 u 406 tal-Liġijiet ta' Malta li jilmenta dwar l-appellant m'humiex riżultat ta' transpożizzjoni ta' liġi Komunitarja, m'hemmx dubju li l-għan tal-miżuri hemm stabbiliti huwa fl-aħħar mill-aħħar '*to ensure an effective application of the European provisions'* dwar it-tassazzjoni indiretta (dazju u VAT).

46. Fil-Kawża C-617/10, wara talba għal referenza preliminari fil-każ ***Åklagaren v. Hans Åkerberg Fransson***[18]*,* li kien jirrigwarda proprju każ ta' regoli nazzjonali Svediżi dwar il-ġbir tal-VAT, il-Qorti tal-Ġustizzja tal-UE qalet:

> *'25 Issa, fil-qasam tal-VAT, jirriżulta minn naħa, mill-Artikoli 2, 250(1), u 273 tad-Direttiva tal-Kunsill 2006/112/KE, tat-28 ta' Novembru 2006, dwar is-sistema komuni ta' taxxa fuq il-valur miżjud (ĠU L 347, p. 1) li b'mod partikolari jirriproduċu d-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 2 tas-Sitt Direttiva u tal-Artikolu 22(4) u (8) tal-istess direttiva, fil-verżjoni tagħha li tirriżulta mill-Artikolu 28h ta' din tal-aħħar, u min-naħa l-oħra, mill-Artikolu 4(3) TFUE li kull Stat Membru għandu l-obbligu li jadotta l-liġijiet*

[18]https://eur-lex.europa.eu/legal-content/MT/TXT/HTML/?uri=CELEX:62010CJ0617&from=EN.

*u l-miżuri amministrattivi neċessarji sabiex jiġi żgurat il-ġbir tal-VAT kollha dovuta fit-territorju tiegħu u sabiex tiġi miġġielda l-frodi (ara s-sentenza tas-17 ta' Lulju 2008, Il-Kummissjoni vs L-Italja, C-132/06, Ġabra p. I-5457, punti 37 u 46).*

*26 Barra minn hekk, l-Artikolu 325 TFUE, jobbliga lill-Istati Membri sabiex jiġġieldu l-attivitajiet illegali li jippreġudikaw l-interessi finanzjarji tal-Unjoni permezz ta' miżuri dissważivi u effettivi u b'mod partikolari, tobbligahom jadottaw l-istess miżuri sabiex jikkumbattu l-frodi li tippreġudika l-interessi finanzjarji tal-Unjoni bħal dawk li huma jadottaw sabiex jikkumbattu l-frodi li tippreġudika l-interessi finanzjarji tagħhom stess (ara, f'dan is-sens, is-sentenza tat-28 ta' Ottubru 2010, SGS Belgium et, C-367/09, Ġabra p. I-10761, punti 40 sa 42). Issa, peress li r-riżorsi proprji tal-Unjoni jinkludu, b'mod partikolari, skont l-Artikolu 2(1) tad-Deċiżjoni tal-Kunsill 2007/436/KE, Euratom, tas-7 ta' Ġunju 2007, dwar is-sistema tar-riżorsi proprji tal-Komunitajiet Ewropej, id-dħul provenjenti mill-applikazzjoni ta' taxxa uniformi fuq bażi armonizzata tal-VAT iddeterminata skont ir-regoli tal-Unjoni, hemm rabta diretta bejn il-ġbir tad-dħul mill-VAT skont id-dritt tal-Unjoni applikabbli u t-tqegħid għad-dispożizzjoni tal-baġit tal-Unjoni tar-riżorsi korrispondenti mill-VAT, peress li kull lakuna fil-ġbir ta' dawn tal-ewwel potenzjalment tikkawża tnaqqis fit-tieni (ara, f'dan is-sens, is-sentenza tal-15 ta' Novembru 2011, Il-Kummissjoni vs Il-Ġermanja, C-539/09, Ġabra p. I-11235, punt 72).*

*27 Minn dan jirriżulta li s-sanzjonijiet fiskali u l-azzjonijiet kriminali għall-frodi fiskali bħal dawk li l-akkużat inkwistjoni fil-kawża prinċipali kien jew għadu suġġett għalihom minħabba l-ineżattezza tal-informazzjoni pprovduta fil-qasam tal-VAT jikkostitwixxu implementazzjoni tal-Artikoli 2, 250(1) u 273 tad-Direttiva 2006/112 (preċedentement l-Artikoli 2 u 22 tas-Sitt Direttiva) u tal-Artikolu 325 TFUE u, għalhekk, tad-dritt tal-Unjoni fis-sens tal-Artikolu 51(1) tal-Karta.*

*28 Il-fatt li l-leġiżlazzjonijiet nazzjonali li jservu bħala l-bażi għall-imsemmija sanzjonijiet fiskali u azzjonijiet kriminali ma ġewx adottati sabiex tiġi trasposta d-Direttiva 2006/112 ma jistax ikun ta' natura li jikkontesta dik il-konklużjoni, peress li l-applikazzjoni tagħhom, iktar minn xejn, tissanzjona ksur tad-dispożizzjonijiet tal-imsemmija direttiva li hija intiża sabiex timplementa l-obbligu impost mit-Trattat fuq l-Istati Membri li jissanzjonaw b'mod effettiv l-aġir li jikkawża ħsara lill-interessi finanzjarji tal-Unjoni.*

*29 Fid-dawl tas-suespost, meta qorti ta' Stat Membru tintalab tistħarreġ il-konformità mad-drittijiet fundamentali ta' dispożizzjoni jew ta' miżura nazzjonali li, f'sitwazzjoni li fiha l-azzjoni tal-Istati Membri ma hijiex iddeterminata interament mid-dritt tal-Unjoni, timplementa dan id-dritt fis-sens tal-Artikolu 51(1) tal-Karta, l-awtoritajiet u l-qrati nazzjonali jibqgħu fid-dritt li japplikaw standards nazzjonali ta' protezzjoni tad-drittijiet fundamentali ġaladarba din l-applikazzjoni ma tippreġudikax il-*

> *livell ta' protezzjoni previst mill-Karta, kif interpretata mill-Qorti tal-Ġustizzja u lanqas is-supremazija, l-unità u l-effettività tad-dritt tal-Unjoni (ara, fir-rigward ta' dan l-aħħar imsemmi aspett, is-sentenza tas-26 ta' Frar 2013, Melloni, C-399/11, punt 60).'*

47. L-istess argument japplika għal dak li jirrigwarda d-dazju. Il-Qorti tasal għalhekk biex tikkonkludi li l-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea hija effettivament applikabbli għall-każ odjern kemm għal dak li jirrigwarda l-VAT kif ukoll għal dak li jirrigwarda d-dazju.

48. Limitatament f'dan is-sens l-aggravji '*a.1*' u '*a.2*' jirriżultaw għalhekk mistħoqqa.

49. F'kull każ, il-prinċipju tal-proporzjonalita` tal-piena jista' jiġi mistħarreġ ukoll taħt il-kappa tal-Artikolu 1 tal-ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni Ewropea. Ilment li ma jissemmiex fir-rikors promotur. Fin-nota ta' sottomissjonijiet irrefera għall-każ ta' ***Jason James Agius v. L-Avukat Ġenerali*** deċiża minn din il-Qorti fis-6 ta' Ottubru, 2020, li kien jitratta l-element ta' proporzjonalita` taħt dik id-dispożizzjoni. L-istess kwistjoni kienet ukoll il-mertu tal-każ fl-ismijiet ***Il-Pulizija v. Ahmed Alhadi Khalleefah Suwah*** deċiż minn din il-Qorti fit-23 ta' Novembru, 2020. F'dawk is-sentenzi din il-Qorti qalet li sabiex jiġi mistħarreġ jekk hemmx *'a reasonable relationship of proportionality between the means employed and the aim pursued',* huwa importanti li l-pieni prevvisti għar-reat in kwistjoni jiġu meqjusa fl-assjem tagħhom.

50. Skont il-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-UE:-

*‘37 According to settled case-law, in the absence of harmonisation of EU legislation in the field of penalties applicable where conditions laid down by arrangements under that legislation are not complied with, Member States are empowered to choose the penalties which seem to them to be appropriate. They must, however, exercise that power in accordance with EU law and its general principles, and, consequently, in accordance with the principle of proportionality (judgment of 9 February 2012, Urbán, C‑210/10, EU:C:2012:64, paragraph 23 and the case-law cited).*

*38 Other measures closely linked to the penalties which, such as the immobilisation of a vehicle, ensure their effectiveness, must also meet those requirements.*

*39 Thus, in the present case, the precautionary measures permitted under national legislation at issue in the main proceedings must not exceed the limits of what is appropriate and necessary in order to attain the objectives legitimately pursued by the legislation in question; when there is a choice between several appropriate measures, recourse must be had to the least onerous, and the disadvantages caused must not be disproportionate to the aims pursued (see, to that effect, judgment of 9 February 2012, Urbán, C‑210/10, EU:C:2012:64, paragraphs 24 and 53 and the case-law cited).*

*40 In that context, the Court has held that the severity of penalties must be commensurate with the seriousness of the infringements for which they are imposed, in particular by ensuring a genuinely deterrent effect, while respecting the general principle of proportionality (judgment of 27 March 2014, LCL Le Crédit Lyonnais, C‑565/12, EU:C:2014:190, paragraph 45).’*[19]

51. F’dan il-każ, jiġi mtenni li l-appellant instab ħati illi:

(i) kellu sigaretti, tabakk u xorb alkoħoliku li fuqu ma tħallasx il-valur ta’ €2,560.34 bħala dazju tas-sisa, dazju ta’ importazzjoni u taxxa fuq il-valur miżjud; u li

[19] Case C-501/14, request for a preliminary ruling under Article 267 TFEU, brought by the Szegedi közigazgatási és munkaügyi bíróság (Administrative and Labour Court, Szeged, Hungary), in the proceedings *EL-EM-2001 Ltd v Nemzeti Adó- és Vámhivatal Dél-alföldi Regionális Vám- és Pénzügyőri Főigazgatósága*

(ii) huwa biegħ sigaretti li fuqhom ma ħallasx total ta' €305.68 bħala dazju tas-sisa, dazju ta' importazzjoni u taxxa fuq il-valur miżjud.

52. Dan ifisser illi kumulattivament id-dazju/taxxa mhux imħallsa/perikolata hi €2,866.02 (€306.33 dazju ta' importazzjoni; €2015.62 dazju tas-sisa; u €544.07 bħala taxxa fuq il-valur miżjud).

53. Permezz tas-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali, l-appellant instab ħati ta' l-akkużi kontrih u ġie kkundannat għal multa ta' €1,500, sentejn priġunerija sospiżi għal erba' snin u l-konfiska tal-vettura bin-numru tar-reġistrazzoni BAD 081. L-appellant m'appellax u ħallas il-multa ta' €1,500. Madanakollu appella l-Avukat Ġenerali għaliex apparti l-piena ta' priġunerija:

(a) il-multa kellha tkun fis-somma ta' **€6,965.85**, in kwantu għal dazju ta' importazzjoni fl-ammont ta' €306.33 li għal tliet darbiet jagħti total ta' €918.99. Ma' dik is-somma hemm ukoll €2015.62 dazju tas-sisa li għal tliet darbiet jagħti total ta' €6,046.86. Terz mit-total ta' €6,965.85, ċioe` €2,321.95, hu dejn ċivili. Dan bażat fuq l-Art. 62 tal-Kap. 37.

(b) kellhom jiġu konfiskati l-oġġetti li fuqhom ma tħallasx dazju u dazju tas-sisa u li ġew eżibiti;

54. Mill-aspett ta' drittijiet fundamentali, fis-sentenza ***Gyrlyan v. Russia*** (numru 35943/15) tad-9 ta' Ottubru, 2018, il-QEDB qalet:

> *"21. The Court reiterates its consistent approach that a confiscation measure, even though it involves a deprivation of possessions, falls within the scope of the second paragraph of Article 1 of Protocol No. 1, which allows the Contracting States to control the use of property to secure the payment of penalties. However, this provision must be construed in the light of the general principle set out in the first sentence of the first paragraph and there must, therefore, exist a reasonable relationship of proportionality between the means employed and the aim sought to be realised (see Ismayilov, § 30, andPaulet, § 64,both cited above, and Grifhorst v. France, no. 28336/02, §§ 85-86, 26 February 2009)".*

55. Issir ukoll referenza għall-paragrafu 49 tas-sentenza ***Yasar v. Romania*** (numru 64863/13) tas-26 ta' Novembru, 2019, il-QEDB li kienet titratta dwar konfiska ta' bastiment. F'dik is-sentenza l-Qorti qalet:

> *"60. As regards the striking of a fair balance between the means employed by the domestic authorities for the purpose of preventing criminal activities relating to illegal fishing in the Black Sea and the protection of the applicant's property rights, the Court reiterates that such a balance depends on many factors, and the behaviour of the owner of the property is one element of the entirety of circumstances which should be taken into account (see AGOSI, cited above, § 54). The Court must consider whether the applicable procedures in the present case were such as to enable reasonable account to be taken of the degree of fault or care attributable to the applicant or, at least, of the relationship between his conduct and the breach of the law which occurred; and also whether the procedures in question afforded him a reasonable opportunity to put his case to the relevant authorities (ibid., § 55). In ascertaining whether these conditions were satisfied, a comprehensive view must be taken of the applicable procedures (see B.K.M. Lojistik Tasimacilik Ticaret Limited Sirketi, cited above, 43)".*

56. Hekk ukoll fil-każ ***Sadocha v. Ukraine*** (77508/11) tal-11 ta' Lulju, 2019, il-QEDB il-Qorti kkonkludiet li m'hemmx proporzjonalita` għaliex

Sadocha ma setax jevita l-konfiska tal-flus billi jagħti prova dwar il-provenjenza leġittima tal-flus. Il-Qorti kkonkludiet li ma kinitx sodisfatta li l-Gvern kien ta prova sodisfaċenti li sanzjoni inqas iebsa minn dik tal-konfiska tal-flus, bħal per eżempju multa, ma kinitx suffiċjenti biex iservi bħala deterrent u effett punittiv.

57. L-aggravju tal-Avukat Ġenerali fl-appell li hemm pendenti quddiem il-Qorti tal-Appell Kriminali hu limitat dwar il-multa in kwantu tirreferi għad-dazju ta' importazzjoni u dazju tas-sisa. M'hemm l-ebda aggravju fir-rigward tal-multa taħt l-Art. 80 tal-Att dwar it-Taxxa Fuq il-Valur Miżjud (Kap. 406). Fiż-żmien rilevanti:

i. L-Art. 62 tal-Ordinanza dwar id-Dwana (Kap. 37) kien jipprovdi għall-multa ekwivalenti għal tliet darbiet id-dazju u li minnha 1/3 jitqies bħala dejn ċivili, u fid-diskrezzjoni tal-qorti priġunerija ta' mhux iktar minn sentejn. Peress li l-każ jitratta dwar tabbakk, skont l-istess dispożizzjoni *".... l-piena ta' priġunerija hawnhekk preskritta għandha tapplika f'kull każ"*. Kien bl-Att XXXII tal-2007 li fid-definizzjoni tal-kelma 'dazju' ġiet inkluża dazju tas-sisa;

ii. L-Art. 16(1) tal-Att dwar id-Dazju tas-Sisa (Kap. 382) kien jipprovdi li f'każ ta' evażjoni ta' dazju li għandu jinġabar skont dak l-Att, il-ħati jeħel

*“..... multa ta’ mhux aktar minn ħdax-il elf u sitt mija u erbgħin euro u sebgħa u tmenin ċenteżmu (€11,646.87)”*.

58. Hemm ukoll l-Art. 17(f) tal-Kodiċi Kriminali li jipprovdi, *“persuna misjuba ħatja ta’ aktar minn reat wieħed li għalih hemm pieni pekunjarji tingħata l-piena tal-multa jew ammenda għola jew tal-għola multa jew ammenda, skont il-każ, b’żieda ta’ nofs kull waħda mill-multi jew ammendi l-oħra”*.

59. F’dan il-każ il-Qorti ma tħossx illi l-piena kontemplata fil-liġi hi sproporzjonata għar-reat li l-appellant instab ħati tiegħu. Għalkemm il-liġi hija tassattiva dwar il-multi li għandhom jiġu mposti kif ukoll dwar il-konfiska tal-oġġetti u l-mezz tal-ġarr, jitqies illi:-

(i) dan kien każ fejn ir-rikorrent deliberatament kiser il-liġijiet tad-dwana u taxxa fuq il-valur miżjud;

(ii) ma ngħatat l-ebda prova dwar il-valur tal-vettura Ford Escort BAD 081, dan apparti li r-rikorrent stess illimita l-ilment fuq il-multa;

(iii) Ir-rikorrent m’appellax minn dik il-parti tas-sentenza fejn il-Qorti mponiet fuqu sentenza ta’ priġunerija ta’ sentejn sospiża għall-perjodu ta’ erba’ snin. Dwar dik il-parti tal-piena l-Qorti għandha diskrezzjoni dwar il-

piena ta' priġunerija li timponi fuq il-ħati. F'dan ir-rigward fil-każ in eżami peress li l-Qorti mponiet sentenza sospiża, ir-rikorrent mhux ser jiskonta piena karċerarja;

(iv) fir-rikors tal-appell ir-rikorrent għamilha ċara li l-ilment hu relatat biss mal-multa li jista' jkun soġġett għaliha jekk jintlaqa' l-appell tal-Avukat Ġenerali fil-proċedura Kriminali;

(v) terz mill-multa tkun dovuta bħala dejn ċivili. B'hekk jiġu evitati proċeduri dupliċi sabiex jinġabar dak dovut lill-erarju bħala dazju u dazju tas-sisa. Għalhekk terz mill-ammont li għandu jitħallas ikun proprju ġbir tat-taxxa indiretta li tkun dovuta mill-ħati u li jkun evada bl-aġir tiegħu;

(vi) Jekk jintlaqa' l-appell tal-Avukat Ġenerali l-multa li l-iktar jista' jeħel ir-rikorrent hi €4,643.9 għaliex is-somma ta' €2321.95 hi d-dejn ċivili tad-dazju ta' importazzjoni u sisa li ma tħallsux fuq l-oġġetti li nqabdu;

(vii) Meta tikkunsidra li t-total ta' dazju ta' importazzjoni u sisa dovuta fuq l-oġġetti kienet ta' €2321.95 multa li fir-realta` hi ekwivalenti għad-doppju ma tistax titqis bħala eċċessiva. Dan meta tqis li l-pieni huma intiżi bħala deterrent sabiex tiġi evitata l-evażjoni ta' taxxi indiretti mposti b'liġi ordinarja. Liġijiet li min-natura tagħhom huma ta' ordni pubbliku. Dan iktar u iktar meta tikkunsidra d-diskrezzjoni ferm wiesa' li għandha l-Qorti għal

dik li hi piena ta' priġunerija li jkollha timponi f'każijiet ta' evażjoni ta' dazju fir-rigward ta' tabakk u alkoħol;

(viii) il-piena ta' priġunerija hi mħollija fid-deskrizzjoni tal-qorti li tiddeċiedi l-każ, fis-sens li l-liġi tipprovdi biss li l-massimu ma jkunx iktar minn sentejn. Għalhekk f'dan ir-rigward il-Qorti għandha diskrezzjoni wiesa';

(ix) fil-kors tal-proċeduri Kriminali l-appellant kellu kull opportunita` jressaq id-difiża tiegħu bl-aħjar mod. Wara dak il-proċess għażel li ma jappellax mis-sentenza u saħansitra ħallas il-multa. Għalhekk, kuntarajament għaċ-ċirkostanzi fil-każijiet fuq imsemmija fejn l-akkużati kienu mixlija li ma ddikjarawx li kellhom fuqhom somma superjuri għal €10,000 meta kienu ħerġin minn Malta u ma kienx magħruf is-sors ta' dawk il-flus, fil-każ tal-lum m'hemmx dubju dwar in-natura lleċita` tas-sigaretti, tabakk u xorb alkoħoliku meritu tar-reat li wettaq l-appellant. Fil-fatt f'dan il-każ diġa' hemm sentenza ta' Qorti li hi ġudikat, li l-appellant kellu fil-pussess tiegħu oġġetti li ddaħħlu f'Malta b'kuntrabandu u li kien qiegħed ibiegħ mill-istess;

(x) l-oġġetti li nqabdu fil-pussess tal-appellant/terzi ma jistgħux jibqgħu fiċ-ċirkolazzjoni peress li ma tħallasx dazju, dazju tas-sisa u taxxa

fuq il-valur miżjud. Il-konfiska tal-istess oġġetti, ċioe` sigaretti u alkoħol, hi konsegwenza naturali ġialadarba iddaħħlu b'kuntrabandu;

60. Meħud in konsiderazzjoni ċ-ċirkostanzi partikolari ta' dan il-każ, l-aggravju '*a.4*' hu miċħud ukoll.

61. Permezz tal-aggravju '*a.5*' l-appellant jikkontendi illi skont is-sentenza ***Tyrer v. United Kingdom*** deċiża mill-QEDB fil-25 ta' April, 1978, l-kelma 'degradanti' fl-iskop tal-Artikolu 3 tal-Konvenzjoni trid tiġi mifhuma mill-ottika tal-vittma nnifisha u mhux mill-pubbliku in ġenerali. Fil-parti '*a. 6*' tal-appell tiegħu l-appellant ikompli jsostni li *'seta wieħed in prim' istanza jikkunsidra d-drittijiet tal-bniedem matul il-proċess ta' smigħ xieraq biex jassigura li jkun hemm ħarsien tal-elementi soġġettivi kif ukoll dawk oġġettivi u li dawn jitqegħdu taħt livell għoli ta' skrutinju, fis-sens illi l-għan aħħari għandu dejjem ikun li tara li l-ġustizzja ssir.'*

62. L-appellant donnu qiegħed jippretendi li sabiex issir ġustizzja jridu neċessarjament jintlaqgħu l-ilmenti tiegħu. Dan mhuwiex il-każ.

63. Diġa' ngħad illi għar-reat li tiegħu nstab ħati r-rikorrent, pussess u bejgħ ta' sigaretti, tabakk u xorb alkoħoliku li fuqhom ma tħallasx dazju u dazju tas-sisa, l-appellant ġie kkundannat għall-piena ta' ħabs għal perjodu ta' sentejn sospiżi għal erba' snin, multa ta' €1,500, kif ukoll il-

konfiska tal-vettura numru BAD-081. Piena li minnha r-rikorrent m'appellax. Pero` f'dawn il-proċeduri qiegħed jilmenta dwar l-appell tal-Avukat Ġenerali sabiex: (i) il-multa tiżdied għal €6,965.85 li minnhom €2,321.95 jiġu addebitati lill-Kontrollur tad-Dwana bħala dejn ċivili, u (ii) jiġu konfiskati s-sigaretti, tabakk u xorb alkoħoliku sdazjat inkwistjoni (ara paragrafu 23 tar-rikors promotur).

64. Il-Qorti diga' tat raġunijiet għalfejn fil-każ in eżami l-piena mhijiex sproporzjonata għar-reat kommess. Għall-istess raġunijiet, tant inqas ma jista' jingħad li hija waħda degradanti. Il-każ ta' Tyrer kien dwar piena ta' '*three strokes of the birch*' (*judicial corporal punishment*) li ġie soġġett għalih imneżża. Minkejja li ma ngħatatx fil-pubbliku, din il-piena tqieset *'institutionalised violence'* u konsegwentement degradanti bi ksur tal-Artikolu 3 tal-Konvenzjoni. Ċirkostanzi għalhekk ferm 'l bogħod minn dawk tal-każ in eżami. F'dan il-każ, jekk il-Qorti tal-Appell Kriminali tilqa' l-appell tal-Avukat Ġenerali, l-appellant mhux sejjer jiġi assoġġettat għal ebda biża', ansjeta`, inferjorita` jew umiljazzjoni iżda sempliċement tiżdied il-multa li għandu jħallas għar-reat li wettaq.

65. Dawn l-ilmenti huma għalhekk miċħuda.

Għal dawn il-motivi tiċħad l-appell bl-ispejjeż kontra r-rikorrent, u fl-istess ħin tikkonferma s-sentenza appellata.

| | | |
|---|---|---|
| Mark Chetcuti<br>Prim Imħallef | Giannino Caruana Demajo<br>Imħallef | Anthony Ellul<br>Imħallef |

Deputat Reġistratur
da